

Brussell, 9 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15094/23

ELARG 71
COWEB 135
COEST 586

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 690 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Komunikazzjoni tal-2023 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 690 final.

Mehmuż: COM(2023) 690 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.11.2023
COM(2023) 690 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Komunikazzjoni tal-2023 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE

{SWD(2023) 690 final} - {SWD(2023) 691 final} - {SWD(2023) 692 final} -
{SWD(2023) 693 final} - {SWD(2023) 694 final} - {SWD(2023) 695 final} -
{SWD(2023) 696 final} - {SWD(2023) 697 final} - {SWD(2023) 698 final} -
{SWD(2023) 699 final}

Komunikazzjoni tal-2023 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE

I. Introduzzjoni

It-tkabbir tal-UE huwa l-mutur li jwassal għall-istabbiltà, il-paċi u l-prosperità fit-tul madwar il-kontinent. Is-sħubija fl-UE hija **investment ġeostrateġiku** f'Europa b'saħħitha, stabbli u magħquda msejsa fuq **valuri komuni**. Hija għodda b'saħħitha għall-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali. Prospett ta' sħubija fl-UE li jkun kredibbli u bbażat fuq il-mertu huwa **l-mutur ewlieni tat-trasformazzjoni** li b'hekk isahha is-sigurtà kollettiva u l-prosperità soċjoekonomika tagħna. Huwa essenzjali r-rikonċiljazzjoni u l-istabbiltà jitravmu fil-kontinent Ewropew. Is-sinifikat ġeopolitiku tat-tkabbir tal-UE reġa' ġie enfasizzat aktar fl-2022, meta l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova¹ u l-Georgia applikaw biex isiru membri tal-UE wara l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-Kunsill Ewropew² irrikonoxxa l-perspettiva Ewropea tal-Ukrajna, tal-Moldova u tal-Georgia filwaqt li lill-Ukrajna u lill-Moldova ikkonċedielhom l-*istatus* ta' kandidat. L-ġħoti ta' *status* ta' kandidat lill-Bożnija-Ħerzegovina f'Diċembru 2022 kien pass importanti biex jinżamm il-momentum tal-proċess tat-tkabbir.

Illum, il-Balkani tal-Punent, it-Turkija³, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia għandhom **tieqa ta' opportunità** storika biex jorbtu l-futur tagħhom mal-Unjoni Ewropea b'manjiera soda. L-adeżjoni hija, u se tibqa', proċess ibbażat fuq il-mertu li jiddependi għalkollox fuq il-progress oġġettiv li jinkiseb minn kull sieħeb tat-tkabbir. Għaldaqstant, il-pajjiżi tat-tkabbir se jkollhom jieħdu azzjoni determinata biex jimplementaw ir-riformi meħtieġa u jagħmlu progress tanġibbli u irriversibbli, l-ewwel u qabel kollox fuq **l-elementi fundamentali tal-proċess ta' adeżjoni tal-UE**. L-istat tad-dritt, partikolarment l-indipendenza u l-funzjonament tal-ġudikatura u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, id-drittijiet fundamentali, l-ekonomija, il-funzjonament ta' istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika huma s-sisien tal-politika tat-tkabbir.

Is-sħubija fl-UE hija **għażla strateġika**. Is-sħab iridu jħaddnu u jippromwovu **l-valuri tal-UE** b'mod sod u inekwivoku. Aktar minn qatt qabel, l-allinjament mal-**politika estera u ta' sigurtà komuni** tal-UE jippona lejn valuri kondiviżi u orjentazzjoni strateġika fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid.

II. Żviluppi ewlenin

Rispons magħqud kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja

L-aħħar sentejn kienu kkaratterizzati mill-**gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna**. L-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR, Office of the United Nations High Commissioner for Human Rights) irreġistrar minn 27 000 vittma ċivili fl-Ukrajna, inkluż il-qtil ta' 9 600⁴, hekk kif l-għadd eżatt ta' mwiet mistenni li jkun ħafna ogħla. Il-ħtiġijiet umanitarji għadhom għoljin: 17,6 miljun ruħ

¹ Minn hawn 'il quddiem "il-Moldova".

² [EUCO 24/22](#).

³ F'konformità mat-talba tar-Repubblika tat-Turkija rigward l-użu tal-isem uffiċjali l-ġdid tal-pajjiż bl-Ingliż, l-isem "Türkiye" intuża fil-verżjoni Ingliża ta' dan id-dokument minflok "Turkey". Din il-bidla amministrattiva hija limitata għan-nomenklatura użata fid-dokumenti tal-UE, ma għandhiex effett retroattiv, u ma tinvolvi l-ebda konsegwenza legali. Dan l-approċċ huwa mingħajr preġudizzju għan-nomenklatura użata mill-Istati Membri.

⁴ Ċifri sal-aħħar ta' Awwissu 2023.

fl-Ukrajna, 49 % tal-popolazzjoni totali tal-pajjiż⁵, u 6,2 miljuni f'pajjiżi li jospitaw ir-refuġjati⁶, għadhom jeħtieġu assistenza umanitarja multisettorjali. Il-gwerra kkawżat ukoll devastazzjoni u qerda tal-produzzjoni u tal-proprietà, tfixkil tal-kummerċ, tnaqqis fl-investment, it-tgħawwir tal-kapital uman, u ħsara enormi lill-ambjent.

Ir-rispons tal-UE għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kien bla preċedent, b'leħen wieħed, determinat, u immedjat. Is-27 Stat Membru tal-UE u s-sħab tagħhom madwar id-dinja **kkundannaw il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata**. Huma ħadu azzjoni, billi iżolaw lir-Russja politikament u ekonomikament, ikkundannaw il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u appoġġaw passi biex jiżguraw li tittieħed responsabbiltà sħiħa mid-delitti tal-gwerra u minn ksur ieħor imwettaq b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Sal-lum l-UE adottat **11-il pakkett ta' sanzjonijiet estensivi kontra r-Russja u l-Belarusja**. Filwaqt li turi l-appoġġ sod tagħha għall-Ukrajna, l-UE għadha tagħti appoġġ **umanitarju, finanzjarju, ekonomiku u militari** wiesa' lill-pajjiż. Permezz ta' approċċ ta' "Tim Ewropa", l-UE, sal-lum l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji **mmobilizzaw EUR 82,6 biljun** (Settembru 2023; inkluż EUR 25 biljun f'appoġġ militari), fosthom id-disponibbiltà ta' finanzjament biex jiġu ospitati refuġjati fl-UE. Il-Kunsill estenda l-protezzjoni temporanja għall-persuni li ħarbu mill-gwerra kontra l-Ukrajna sa Marzu 2025, u ta ċ-ċertezza lil aktar minn 4 miljun persuna Ukrena li bħalissa jgħixu fl-UE. B'reazzjoni għall-imblukkar Russu tal-Portijiet Ukreni fill-Baħar l-Iswed, minn Mejju 2022, l-UE, flimkien mal-Ukrajna u l-Moldova, qed timplimenta Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna, li jgħaqqdu lill-Ukrajna u lill-Moldova mal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiffaċilitaw il-kummerċ tagħhom mal-UE u mal-bqija tad-dinja, inkluż fi prodotti kritiċi bħaċ-ċereali. Il-Kummissjoni tappoġġa firxa ta' sforzi biex il-ħsara ambjentali li ssir tiġi mmonitorjata u rreġistrata. L-UE se tkompli tappoġġa lill-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn.

F'Jannar tal-2023, il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-Ukrajna u s-sħab tal-G7, waqqfet **il-Pjattaforma għall-Koordinazzjoni tad-Donaturi** biex tikkoordina l-appoġġ għall-ħtiġijiet ta' finanzjament immedjati tal-Ukrajna u l-irkupru ekonomiku u r-rikostruzzjoni fil-futur.

F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet strument ta' finanzjament iddedikat fuq terminu medju li se jipprovdi lill-Ukrajna b'appoġġ koerenti, prevedibbli u flessibbli għall-perjodu bejn l-2024 u l-2027. **Il-Faċilità l-ġdida għall-Ukrajna**⁷ se tappoġġa l-isforzi għas-sostenn tal-istabbiltà makrofinanzjarja u se tippromwovi l-irkupru. Il-pjan huwa li **l-Faċilità tingħata EUR 50 biljun** f'għotjiet u self għall-2024-2027.

L-UE tat żewġ **pakketti ta' appoġġ komprensivi lill-Moldova**⁸ wkoll, b'mod partikolari biex tindirizza l-impatt fuq il-pajjiż tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Moldova ħabbtet wiċċha ma' influż kbir ta' refuġjati mill-Ukrajna, inflazzjoni dejjem tikber, theddid fuq il-provvisti tal-enerġija tagħha, ksur tal-ispazju tal-ajru tagħha, u għadd kbir ta' azzjonijiet ostili ibridi bħal protesti foloz, kampanji enormi ta' diżinformazzjoni u attakki ċibernetiċi.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tqanqal biża' fir-reġjun kollu, inkluż fil-Georgia. F'dan il-kuntest, is-sigurtà u d-difiża, il-ġlieda kontra t-theddid ibridu u taċ-

⁵ L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji, Awwissu 2023.

⁶ Il-Kummissjoni Għolja tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, Settembru 2023.

⁷ 2023/0200 (COD)

⁸ [L-Unjoni Ewropea se tagħti EUR 250 miljun oħra lir-Repubblika tal-Moldova; Pakkett ta' Appoġġ għar-Repubblika tal-Moldova.](#)

ċibersigurtà għadhom fost l-oqsma ta' priorità tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Georgia. Permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi ġie mobilizzat total ta' EUR 62 miljun b'appoġġ għall-Forzi tad-Difiża Georgjani.

F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat **Pakkett ta' Appoġġ għall-Enerġija** ta' EUR 1 biljun għall-**Balkani tal-Punent**⁹. Filwaqt li indirizza l-ħtiġijiet immedjati fuq terminu qasir u medju fir-reġjun, il-pakkett sostanzjali ta' appoġġ għall-enerġija għen lis-sħab tal-Balkani tal-Punent jibdew inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq il-fjuwils fossili Russi, jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni u jtejbu s-sigurtà tal-enerġija tar-reġjun. L-UE żiedet l-appoġġ tagħha għaċ-**ċibersigurtà**, anki fid-dawl ta' diversi attacchi ċibernetiċi fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. F'Ġunju 2023 l-Kummissjoni Ewropea ospitat b'mod konġunt Konferenza ta' Livell Għoli dwar iċ-Ċibersigurtà fi Brussell.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ħalliet impatt fuq il-pajjiżi tat-tkabbir, b'mod partikolari l-Ukrajna bħala l-vittima tal-aggressjoni, u l-Istati Membri tal-UE, bi **sfidi ekonomiċi u soċjali kbar**. Ikkonfrontata b'instabbiltà barranija li qed tikber, kompetizzjoni strateġika u theddid għas-sigurtà, l-UE assumiet aktar responsabbiltà internazzjonali u ħadet passi deċiżivi oħrajn biex tnaqqas id-dipendenzi u l-bini ta' bażi ekonomika aktar robusta. Dawn l-għanijiet huma rilevanti għall-pajjiżi kollha tat-tkabbir.

It-tkabbir tal-UE jingħata momentum ġdid

F'Ġunju 2022 l-aġenda tat-tkabbir kisbet momentum ġdid, hekk kif il-Kunsill Ewropew approva r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, filwaqt li rrikonoxxa l-**perspettiva Ewropea tal-Ukrajna, tal-Moldova u tal-Georgia u ta lill-Ukrajna u lill-Moldova status ta' pajjiż kandidat**. Dan seħħ wara l-**applikazzjonijiet għas-sħubija fl-UE** li ġew ppreżentati mit-tliet pajjiżi fir-rebbiegħa tal-2022, u l-**Opinjonijiet**¹⁰ ippreżentati mill-Kummissjoni Ewropea f'Ġunju tal-istess sena. Il-perspettiva Ewropea saħħet id-determinazzjoni tal-pajjiżi li jwettqu r-riformi meħtieġa mill-proċess ta' adeżjoni mal-UE, b'mod partikolari l-passi/prijoritajiet imsemmija fl-Opinjonijiet tal-Kummissjoni. Mil-lum il-Kummissjoni qiegħda tirrapporta dwar it-tweġġ ta' dawn il-passi/prijoritajiet bħala parti mill-pakkett tat-tkabbir regolari tagħha, li minn din is-sena jinkludu l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia.

Fil-Balkani tal-Punent, l-ewwel Konferenza Intergovernattiva mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq dwar **in-negożjati tal-adeżjoni** saret f'Lulju 2022, u kienet segwita mill-eżami analitiku tal-proċess (skrinjar) tal-*acquis* tal-UE, li għandu jiġi ffinalizzat f'Diċembru 2023. F'Diċembru 2022, il-Kunsill Ewropew ta lill-Bożnija-Ħerzegovina **l-istatus ta' kandidat tal-UE** bil-fehim li l-pajjiż jimplementa l-passi speċifikati fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politika tat-tkabbir¹¹ ta' Ottubru 2022. F'Diċembru 2022, il-**Kosovo*** applika għal sħubija fl-UE. Fir-rebbiegħa tal-2023, l-UE qablet dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża għall-Kosovo, li se tapplika mill-1 ta' Jannar 2024.

L-impenn f'livell għoli mal-pajjiżi tat-tkabbir issokta. Matul is-**Summit tal-Balkani tal-Punent tal-Proċess ta' Berlin** f' Novembru 2022, il-Kummissjoni ħabbret Pakkett ta' Appoġġ għall-Enerġija sostanzjali ta' EUR 1 biljun f'għotjiet tal-UE biex tgħin lill-Balkani tal-Punent jindirizzaw il-konsegwenzi immedjati tal-kriżi tal-enerġija u jibnu r-reżiljenza fuq terminu

⁹ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/AC_23_3196

¹⁰ [COM\(2022\) 405 final](#), [COM\(2022\) 406 final](#), [COM\(2022\) 407 final](#).

¹¹ [COM\(2022\) 528 final](#).

* Din id-denominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.

qasir u medju. **Is-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent** sar f'Diċembru 2022 f'Tirana. Il-fatt li s-summit ġie organizzat għall-ewwel darba fir-reġjun kien sinjal ċar tal-impenn sħiħ u inekwivoku tal-UE għall-perspettiva tas-sħubija tal-Balkani tal-Punent mal-Unjoni Ewropea. L-UE laqgħet b'sodisfazzjon il-progress li sar fin-negozjati dwar tliet ftehimiet tas-Suq Reġjonali Komuni ġodda li jiffaċilitaw il-libertà tal-moviment u l-impjiegi fir-reġjun kollu. Matul is-summit ġie adottat pjan direzzjonali għat-tnaqqis tal-kostijiet tar-roaming bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent.

Fis-6 ta' Ottubru 2023, fil-**laqgħa informali tal-kapijiet ta' stat jew ta' gvern fi Granada**, il-mexxejja tal-UE kkonfermaw mill-ġdid it-tkabbir bħala investiment ġeostrateġiku fil-paċi, fis-sigurtà, fl-istabbiltà u fil-prospertà¹². Huma enfasizzaw li l-membri aspiranti jeħtieġ li jżidu l-isforzi ta' riforma tagħhom, b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt, f'konformità man-natura bbażata fuq il-mertu tal-proċess ta' adeżjoni u bl-assistenza tal-UE. Fl-istess waqt jeħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi l-pedamenti interni u r-riformi meħtieġa għall-issoktar tat-tkabbir biex il-proġett tal-Unjoni Ewropea jitlesta. Bħala espressjoni konkreta tal-appoġġ tal-UE għas-sħab tat-tkabbir, huwa kruċjali li jiġi mobilizzat il-finanzjament korrispondenti, inkluż fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali¹³.

Fis-Summit tal-Proċess ta' Berlin fis-16 ta' Ottubru 2023, li għall-ewwel darba sar fir-reġjun - f'Tirana, sar progress dwar is-Suq Reġjonali Komuni bl-iffirmar tal-Ftehim dwar ir-rikonossiment tal-kwalifiki professjonali għall-qwiebel, il-veterinarji, l-infermiera u l-ispiżjara u għadd ta' dikjarazzjonijiet konġunti relatati mal-kooperazzjoni reġjonali. Kienet ukoll opportunità għal diskussjoni dwar il-Pjan ta' Tkabbir tal-UE għall-Balkani tal-Punent mal-mexxejja tar-reġjun u għall-inawgurazzjoni tal-uffiċċju ta' rappreżentanza tal-Kulleġġ tal-Ewropa f'Tirana inkluża t-tnedija tar-reġistrazzjoni tal-istudenti għas-sena akkademika 2024/25.

In-negozjati tal-adeżjoni mat-**Turkija** ilhom wieqfa mill-2018, f'konformità mad-deċiżjoni tal-Kunsill. It-Turkija għadha sieħba ewlenija tal-Unjoni Ewropea u pajjiż kandidat, u tenfasizza li l-għan strateġiku tagħha huwa li taderixxi mal-UE. Madankollu, it-Turkija kompliet titbiegħed mill-UE, l-aktar minħabba li kompliet tagħmel rigress fl-oqsma tad-drittijiet fundamentali, tal-indipendenza tal-ġudikatura, tal-ġestjoni ekonomika, u minħabba n-nuqqas ta' riformi f'xi kwistjonijiet settorjali.

Id-dikjarazzjoni UE- Turkija tal-2016 baqgħet il-qafas ewlieni għall-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u kompliet tagħti riżultati, minkejja sfidi kontinwi relatati mal-implimentazzjoni tagħha. It-Turkija għadha tospita 3,6 miljun refuġjat. It-Turkija ssoktat taqdi wkoll rwol ewlieni fl-indirizzar tal-migrazzjoni tul ir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran. Il-Kummissjoni tistenna li t-Turkija tirrispetta l-impenji tagħha skont id-dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2021, inkluża l-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari minn rotot fuq l-art u l-baħar, u l-issoktar tar-ritorni.

F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-2021¹⁴ dwar aġenda pożittiva mat-Turkija, il-Kummissjoni impenjat ruħha fi djalogu ta' livell għoli mal-awtoritajiet Torok dwar l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, dwar it-tibdil fil-klima, kif ukoll dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, u nediet il-Pjattaforma ta' Investiment tat-Turkija li għadha kif inħolqot. Id-djalogu ta' livell għoli li jmiss bejn l-UE u t-Turkija dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà mistenni jsir fit-23 ta' Novembru 2023. L-UE għandha interess strateġiku f'ambjent stabbli u sigur fil-

¹² <https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2023/10/06/granada-declaration/>

¹³ [COM\(2023\) 336](#)

¹⁴ [EUCO 7/21](#).

Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija. F'Ġunju 2023, il-Kunsill Ewropew stieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jippreżenta rapport lill-Kunsill Ewropew dwar is-sitwazzjoni attwali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija ¹⁵, li jibni fuq l-istrumenti u l-għażliet identifikati mill-Kunsill Ewropew, u bil-ħsieb li jipproċedu b'mod strateġiku u li jħares 'il quddiem.

Mill-bidu nett tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Ukrajna laħqu livell bla preċedent. Fi Frar 2023 sar l-24 **Summit bejn l-UE u l-Ukrajna** u laqgħa bejn il-Kulleġġ tal-Kummissarji u l-Gvern tal-Ukrajna fi Kiev. L-ewwel laqgħa informali tal-ministri għall-affarijiet barranin UE-Ukrajna li qatt saret fi Kiev laqgħet lill-Ukrajna, lill-UE u lis-27 Stat Membru fit-2 ta' Ottubru 2023. L-UE tenniet l-appoġġ u l-impenn sod tagħha għall-indipendenza, is-sovraniżmu u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha li huma rikonoxxuti internazzjonalment u fit-triq tal-pajjiż biex tissieħeb mal-UE.

Fl-1 ta' Ġunju 2023, il-Moldova ospitat it-tieni laqgħa tal-**Komunità Politika Ewropea**, li laqgħet flimkien 45 mexxej Ewropew biex jiddiskutu l-isforzi konġunti għall-paċi u s-sigurtà, kif ukoll ir-reżiljenza u l-konnettività tal-enerġija u l-mobbiltà fl-Ewropa.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kompliet tenfasizza l-ħtieġa għal unità u solidarjetà fost l-UE u l-eqreb sħab tagħha u b'hekk l-importanza tal-allinjament tal-**politika estera u ta' sigurtà komuni** (PESK) fil-proċess tat-tkabbir. L-issoktar tal-allinjament sħiħ tal-UE mill-Albanija, mill-Montenegro u mill-Maċedonja ta' Fuq mal-PESK huwa sinjal qawwi tal-għażla strateġika tagħhom għall-adeżjoni mal-UE. Il-kooperazzjoni u l-allinjament ġenerali tal-Ukrajna mal-PESK tal-UE żdiedu. Iż-żieda sinifikanti fir-rati ta' allinjament tal-PESK tal-Moldova u l-Bożnija-Ħerzegovina, u l-issoktar tal-allinjament unilaterali tal-Kosovo, kienu wkoll konfermi importanti tad-direzzjoni strateġika tagħhom lejn l-UE, għalkemm l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet fil-Bożnija-Ħerzegovina għadha diffiċli. Is-Serbja żammet ix-xejra ta' allinjament tagħha matul il-perjodu ta' rapportar u hija mistennija, bħala kwistjoni ta' prijorità, tissodisfa l-impenn tagħha u progressivament tallinja ruħha mal-PESK tal-UE, inkluż dwar miżuri restrittivi tal-UE, f'konformità mal-qafas ta' negozjati tagħha, u li tevita azzjonijiet u dikjarazzjonijiet li jmorru kontra l-pożizzjonijiet tal-UE dwar il-politika barranija. L-allinjament tal-Georgia mal-PESK għadu baxx u l-pajjiż mistenni jreġġa' lura din ix-xejra. It-Turkija ma għamlet l-ebda progress fl-allinjament tal-PESK matul il-perjodu ta' rapportar, filwaqt li żammet rata baxxa ħafna. It-Turkija kompliet toqgħod lura milli tallinja mal-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja. Ir-retorika tagħha b'appoġġ għall-grupp terroristiku Hamas wara l-attakki tiegħu kontra l-Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023 tmur totalment kontra l-approċċ tal-UE. Fl-istess ħin, it-Turkija, flimkien man-NU, iffaċilitat l-esportazzjoni taċ-ċereali Ukreni mill-Baħar l-Iswed permezz tal-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali, sakemm ir-Russja ssospendiet il-mekkaniżmu unilaterali. Is-sħab komplew jikkontribwixxu għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni b'mod siewi.

Il-Balkani tal-Punent, it-Turkija, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia komplew jallinjaw ruħhom mal-UE u vvutaw fuq il-maġġoranza tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Assemblea Ġenerali tan-NU relatati mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Bħala membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, l-Albanija kompliet timpenja ruħha attivament fil-promozzjoni u d-difiża tad-dritt internazzjonali, il-Karta tan-NU u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli.

L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Moldova u l-Ukrajna ngħaqdu mal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili. Huma kisbu progress sinifikanti fil-protezzjoni ċivili billi

¹⁵ [EUCO 7/23](#).

żiedu l-kapaċità amministrattiva u operazzjonali tagħhom biex juru s-solidarjetà tal-UE. Skont il-mekkaniżmu l-Istati parteċipanti tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili għandhom l-istess drittijiet u obbligi bħal daww tal-Istati Membri tal-UE.

Il-Kummissjoni thegġegħ lill-pajjiżi kollha tat-tkabbir biex ikunu aktar ambizzjużi u jsaħħu l-azzjoni koordinata tagħhom dwar it-tranżizzjoni ekoloġika, speċjalment billi jipprioritizzaw l-integrazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew fl-oqsma kollha ta' politika. Il-pajjiżi li huma parti mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija huma mħeġġa jimplimentaw l-impenji skont il-Pjan Direzzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni tal-Komunità tal-Enerġija u jħejju għall-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Komunità tal-Enerġija.

III. Il-pajjiżi tat-tkabbir fi triqithom lejn l-UE

Il-kapitoli tan-negozjati tal-Montenegro nfetħu kollha u tlieta minnhom nġhalqu b'mod proviżorju. L-istadju importanti li jmiss huwa li jintlaħqu l-punti ta' riferiment *interim* fir-rigward tal-kapitoli dwar l-istat tad-dritt. **Is-Serbja** fetħet 22 kapitolu minn 35 kapitolu ta' negozjati u 2 minnhom inġhalqu proviżorjament. It-triq lejn il-ftuħ ta' aktar raggruppamenti tiddependi fuq il-progress li jagħmel il-pajjiż, b'mod partikolari fuq il-pass tar-riformi tal-istat tad-dritt u n-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo.

F'konformità mal-metodoloġija riveduta¹⁶ fil-konklużjonijiet u fir-rakkomandazzjonijiet ta' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tivvaluta **l-bilanċ globali fin-negozjati tal-adeżjoni** mal-Montenegro u mas-Serbja u tipproponi xi progress jista' jsir minn kull pajjiż. Il-konferenzi intergovernattivi li jmiss jistgħu jsiru wara l-pubblikazzjoni ta' dan il-pakkett annwali ta' rapporti.

Wara l-ewwel Konferenza Intergovernattiva mal-**Albanija** u mal-**Maċedonja ta' Fuq** fid-19 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni nediet il-proċess ta' **skrinjar** minnufih. Is-sessjonijiet kollha dwar ir-raggruppament 1 (elementi fundamentali), ir-raggruppament 2 (suq intern), ir-raggruppament 3 (kompetittività u tkabbir inklużiv) u r-raggruppament 4 (Aġenda Ekoloġika u konnettività sostenibbli) seħħew kollha. Is-sessjonijiet ta' spjegazzjoni u bilaterali għaż-żewġ raggruppamenti li jifdal għadhom għaddejjin jew huma skedati sa Diċembru 2023. Ir-rapporti ta' skrinjar għar-raggruppament tal-oqsma fundamentali ġew ippreżentati lill-Kunsill f'Lulju 2023. L-awtoritajiet iddikjaraw b'mod konsistenti l-impenn politiku tagħhom għall-għan strateġiku tal-integrazzjoni tal-UE u l-ambizzjoni tagħhom li jmexxu n-negozjati tal-adeżjoni fuq il-bażi li l-progress fuq ir-riformi jibqa' għaddej.

Wara l-elezzjonijiet ġenerali ta' Ottubru 2022, lejn l-aħħar ta' Jannar fil-**Bożnija-Herzegovina** daħlet fil-kariga Kunsill tal-Ministri ġdid fil-livell tal-Istat, u fil-bidu ta' Mejju 2023 beda l-mandat tal-gvern ġdid fl-entità tal-Federazzjoni. Wara l-ġhoti tal-**istatus ta' kandidat** f'Diċembru 2022, il-koalizzjoni tal-gvern il-ġdid ddikjarat il-progress fit-triq lejn l-UE bħala prijorità ewlenija tal-ftehim ta' koalizzjoni tagħha u esprimiet impenn biex tindirizza l-14-il prijorità ewlenija mill-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għas-sħubija fl-UE, il-Kunsill tal-Ministri tal-Bożnija-Herzegovina adotta diversi strateġiji (dwar it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, il-ħasil tal-flus u l-migrazzjoni) u abbozzi ta' liġijiet. Il-Parlament adotta għadd ta' liġijiet relatati mal-14-il prijorità ewlenin u l-passi speċifikati fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-**istatus ta' kandidat**. Il-Qorti Kostituzzjonali annullat diversi atti legali u politiċi adottati mill-entità *Republika Srpska* għaliex jiksru l-ordni kostituzzjonali u legali. L-introduzzjoni mill-ġdid ta' pieni kriminali

¹⁶ [COM\(2020\) 57 final](#).

għall-malafama fl-entità *Republika Srpska* f' Lulju 2023 ħalliet impatt gravi fuq l-ambjent għas-soċjetà ċivili u tirrappreżenta pass kbir lura fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. L-assemblea tal-entità adottat abbozz ta' liġi fl-ewwel qari mmirat lejn gruppi tas-soċjetà ċivili bħala "aġenti barranin"; jekk isseħħ l-adozzjoni bis-sħiħ tagħha, dan ikun juri indubbjament li sar pass lura. F'Ġunju 2023, l-entità *Republika Srpska* adottat żewġ liġijiet dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u d-deċiżjonijiet tar-Rappreżentant Għoli, u b'hekk kisret l-ordni kostituzzjonali u legali tal-pajjiż.

Il-Kunsill tal-UE u l-Parlament Ewropew adottaw id-deċiżjoni dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża għall-**Kosovo** fir-rebbiegħa tal-2023. F'Diċembru 2022 il-Kosovo applika għal sħubija fl-UE. Is-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Kosovo matul il-perjodu ta' rappurtar kienet ikkaratterizzata minn diversi kriżijiet b'intensitajiet differenti fuq għadd ta' kwistjonijiet. Fl-24 ta' Settembru 2023 seħħ attakk vjolenti kontra l-Pulizija tal-Kosovo li jikkostitwixxi l-aġar eskalazzjoni f'dawn l-aħħar snin. Il-pjanċi tal-liċenzja wkoll wasslu għal kriżijiet oħra, li rriżultaw fir-riżenja kollettiva tas-Serbi tal-Kosovo mill-istituzzjonijiet tal-Kosovo f'Novembru 2022.

Il-Kosovo u s-Serbja għamlu Ftehim dwar il-Perkors lejn in-Normalizzazzjoni u dwar l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu fi Frar u Marzu 2023 rispettivament. Kemm il-Kosovo kif ukoll is-Serbja għad iridu jibdwu l-implimentazzjoni tal-obbligi rispettivi tagħhom li jirriżultaw mill-Ftehim, li huma vinkolanti għall-Partijiet u parti mit-triq tagħhom lejn l-Ewropa.

L-UE u t-**Turkija** komplew jimpenjaw ruħhom f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-2021. It- Turkija hija pajjiż kandidat u sieħeb kruċjali tal-UE fl-oqsma essenzjali ta' interess konġunt bħalma huma l-kummerċ, il-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, is-saħħa pubblika, il-klima, l-enerġija, it-trasport u kwistjonijiet reġjonali. In-negożjati tal-adeżjoni għadhom wieqfa, billi t- Turkija ma regġghetx lura x-xejra negattiva li titbiegħed mill-Unjoni Ewropea, fejn sar rigress serju f'għadd ta' oqsma ewlenin. Dwar l-enerġija, it- Turkija għadha pajjiż ta' tranżitu importanti u affidabbli għall-UE. L-UE wiegħbet minnufih b'solidarjetà għat-terremoti ta' Frar 2023 li laqtu lix-Xlokk tat- Turkija b'timijiet ta' salvataġġ u appoġġ in natura permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, u kkontribwixxiet għall-mobilizzazzjoni ta' wegħda ġenerali ta' EUR 6 biljun mill-komunità internazzjonali. Iż-żewġ naħat qed jikkooperaw b'suċċess biex jimplimentaw l-EUR 1 biljun f'assistenza mwiegħda mill-UE. L-Unjoni Doganali bejn l-UE u t- Turkija għadha ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat. Jenħtieġ li jiġi żgurat rispett sħiħ lejn il-miżuri restrittivi tal-UE, b'mod partikolari b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti fl-Unjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija.

L-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-**Ukrajna** għas-sħubija fl-UE identifikat 7 passi biex l-Ukrajna tipproċedi fit-triq tal-adeżjoni tagħha mal-UE. Il-Kunsill Ewropew ta *status* ta' kandidat lill-Ukrajna u stieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tas-7 passi bħala parti integrali minn dan il-pakkett.

L-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-**Moldova** għas-sħubija fl-UE identifikat 9 passi biex il-Moldova tipproċedi fit-triq tal-adeżjoni tagħha mal-UE. Il-Kunsill Ewropew ta l-*istatus* ta' kandidat lill-Moldova u stieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tad-9 passi bħala parti integrali ta' dan il-pakkett.

L-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-**Georgia** għas-sħubija fl-UE identifikat 12-il pass biex il-Georgia tipproċedi fit-triq tal-adeżjoni tagħha mal-UE. Il-Kunsill Ewropew esprima r-rieda li jagħti l-*istatus* ta' pajjiż kandidat lill-Georgia ladarba dawn il-prijoritajiet

jigü indirizzati. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-prioritajiet bħala parti integrali ta' dan il-pakkett.

IV. Il-prinċipji fundamentali tal-proċess ta' adeżjoni tal-UE

L-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-kriterji ekonomiċi jiffurmaw il-qalba ta' dak li huwa magħruf bħala l-**"prinċipji fundamentali"** tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE. Il-kwalità tal-istituzzjonijiet u l-governanza tirfed it-tisħiħ tal-kompetittività, il-prosperità u l-benesseri tas-soċjetà, u hija s-sies tal-kapaċità ta' konformità mal-*acquis* tal-UE b'mod ġenerali. Huwa kruċjali li l-pajjiżi tat-tkabbir jagħmlu riformi kredibbli u irrversibbli fuq il-prinċipji fundamentali biex jiżguraw progress fil-perkorsi ta' adeżjoni rispettivi tagħhom mal-UE. Matul is-sena li għaddiet, ġie nnutat avvanz fl-aġendi ta' riforma marbuta mal-prinċipji fundamentali b'mod partikolari fl-Ukrajna u fil-Moldova b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet fl-Opinjonijiet rispettivi tal-Kummissjoni.

It-tisħiħ tal-istat tad-dritt jirrikjedi sistema ġudizzjarja indipendenti, imparzjali, responsabbli u professjonali, li topera b'mod effiċjenti, u b'riżorsi adegwati, ħielsa minn interferenza esterna mhux xierqa u fejn id-deċiżjonijiet jigü eżegwiti b'mod effettiv u f'waqtu. F'xi każijiet inkiseb progress, bħar-riformi ġudizzjarji avvanzati fl-Albanija, il-Moldova, is-Serbja u l-Ukrajna. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tat-tkabbir il-korpi ġudizzjarji għadhom esposti għal ħafna diffikultajiet u vulnerabbiltajiet. It-tentattivi tal-politiċi f'diversi pajjiżi biex jesponu pubblikament u jagħmlu pressjoni fuq il-maġistrati, b'mod partikolari fuq każijiet sensittivi, baqgħu Prattika inkwetanti. L-arranġamenti istituzzjonali li jaffettwaw b'mod negattiv l-indipendenza tal-imħallfin u l-prosekuturi baqgħu fis-seħħ, u fl-aħħar mill-aħħar jaffettwaw il-bilanċ u s-separazzjoni tas-setgħat. B'riżultat ta' dan, il-kredibbiltà tal-ġudikatura b'mod ġenerali baqgħet pjuttost baxxa, inkluża perċezzjoni pubblika komuni ta' impunità. F'diversi pajjiżi, ir-riformi tal-ġustizzja żvelaw kapaċità ta' implimentazzjoni limitata anki fejn hemm ir-rieda politika. L-effettività tal-awtoritajiet investigattivi u ġudizzjarji, li tirriżulta f'rekord kredibbli ta' riżultati, hija essenzjali biex isir aktar progress fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE.

Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni għadha prijorità għall-gvernijiet fil-pajjiżi tat-tkabbir. **Il-korruzzjoni**, inkluża l-korruzzjoni f'livell għoli, għadha mifruxa fil-pajjiżi tat-tkabbir, filwaqt li huwa inkwetanti li l-interessi pubbliċi u privati għadhom mhumieq separati. Saru xi sforzi biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-integrazzjoni tal-miżuri kontra l-korruzzjoni fis-setturi l-aktar vulnerabbli għadha prijorità importanti, filwaqt li l-korpi tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji jeħtieġu aktar setgħa u indipendenza. Għad hemm elementi ta' manipolazzjoni tal-istat, li jheddu l-istabbiltà demokratika, u qed jigü osservati korruzzjoni f'livell għoli u influwenza mhux xierqa tal-**oligarki**, flimkien ma' tentattivi ta' networks kriminali organizzati biex jinfiltraw is-sistemi ekonomiċi u politiċi, l-amministrazzjonijiet, u l-media. Dawn l-isfidi jeħtieġ li jigü indirizzati b'mod urġenti permezz ta' approċċi sistemiċi u komprensivi. Fost l-indikaturi ewlenija tas-suċċess se jkun rekord kredibbli ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjonijiet u kundanni finali relatati mal-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus. Biex ikunu kredibbli, l-atturi kollha fil-katina tal-istat tad-dritt jenħtieġ li jipproduċu riżultati sodi u rekord ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjonijiet u kundanni finali relatati mal-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus.

L-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi stabbli u konsolidati huma pilastru ċentrali tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE. Il-Kummissjoni bdiet timplimenta impenn imsaħħaħ u simplifikat mal-pajjiżi tat-tkabbir dwar il-qafas ġenerali għad-demokrazija, kemm jekk dan jikkonċerna l-proċess elettoral, il-funzjonament tal-Parlament (inkluż ir-rwol ta' sorveljanza tiegħu fil-

prestazzjoni tal-gvern u t-tfassil tal-politika u, f'ħafna każijiet, id-dipendenza fuq proċeduri aċċellerati, li għadha eċċessiva) jew ir-rwol tas-soċjetà ċivili.

Il-bieċa l-kbira tal-pajjiżi komplew jiġu affettwati minn **polarizzazzjoni** politika mifruxa, nuqqas ta' kooperazzjoni bejn il-partiti, u spazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili. In-nuqqas ta' djalogu effettiv bejn il-partiti rriżulta f'intoppi politiċi fit-tul u l-istagħnar tar-riformi. F'xi każijiet, id-dibattiti parlamentari kienu kkaratterizzati minn tensjonijiet, lingwaġġ offensiv u xi kultant inċidenti.

F'għadd ta' pajjiżi tat-tkabbir sar ċertu progress dwar **id-drittijiet fundamentali**, b'fehim akbar tal-importanza ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet li qed jiġu garantiti. Fl-istess ħin, ċerti xejriet negattivi għadhom għaddejjin, bħall-vjolenza fuq il-bażi tal-ġeneru tibqa' prevalenti, filwaqt li l-libertà tal-media kompliet tiġi mxejjla minn interessi politiċi u ekonomiċi, li jdgħajfu l-kontroll fuq l-awtoritajiet pubbliċi, jifih spazju għal interferenza barranija u jimminaw il-komunikazzjoni dwar l-UE. F'xi pajjiżi, qed jiġu stabbiliti inizjattivi pożittivi dwar id-drittijiet tat-tfal u tal-persuni b'diżabbiltà. Fil-prattika, madankollu, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali hija affettwata b'mod negattiv minn implimentazzjoni insuffiċjenti tal-liġijiet u l-politiki u l-ineffettività tal-mekkaniżmi ta' rimedju fl-oqsma kollha. Għad fadal sfidi fl-iżgurar ta' protezzjoni effettiva mill-forom kollha ta' mibegħda u diskriminazzjoni, inkluża dik li hija diretta lejn il-minoranzi.

Fir-rigward **tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà**, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-UE u l-pajjiżi tat-tkabbir komplew jevolvu b'mod pożittiv, filwaqt li għad fadal xi diffikultajiet. Il-Balkani tal-Punent għadhom jaħdmu bħala ċentru għall-attivitajiet kriminali u gruppi attivi fl-UE, billi huma punt ta' tranżitu importanti għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u l-komoditajiet illeċiti, b'mod partikolari għad-drogi li jidħlu fl-UE. Il-kriminali u n-networks kriminali li joriġinaw mill-Balkani tal-Punent għandhom impatt sinifikanti wkoll fuq il-kriminalità serja u organizzata f'partijiet oħra tad-dinja. It-Turkija għadha l-pajjiż ta' tranżitu ewlieni għall-eroina li tiġi traffikata lejn l-UE. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata mill-Moldova u l-Georgia huma attivi fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, il-kriminalità organizzata kontra l-proprietà, it-traffikar tal-bnedmin, il-kriminalità dipendenti fuq iċ-ċibernetika, il-frodi ta' pagamenti mhux bi flus kontanti, il-frodi tas-sisa, u tipi oħra ta' reati bħall-frodi tad-dokumenti. Ġeografikament l-Ukrajna tinsab f'salib it-toroq tal-kuntrabandu ta' oġġetti illegali lejn l-UE, u hija wkoll pajjiż ta' oriġini u destinazzjoni għat-traffikar tal-bnedmin. Minkejja l-isfidi relatati mal-gwerra inkluż il-kapaċitajiet istituzzjonali limitati minħabba telf sinifikanti ta' riżorsi għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, l-istituzzjonijiet Ukreni rilevanti wrew reżiljenza u kapaċitajiet operazzjonali notevoli.

Ir-ratifika u l-implimentazzjoni korretta tal-konvenzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, b'mod partikolari daww żviluppati fil-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, huma importanti ħafna fil-perspettiva tal-adeżjoni futura ta' dawn il-pajjiżi mal-UE.

Il-kooperazzjoni fil-**ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni** hija rilevanti għall-pajjiżi kollha tat-tkabbir. It-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti komplew joħolqu sfida u theddida għas-sigurtà. **It-theddid ibridu**, inkluż id-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza tal-barranin (foreign information manipulation and interference, FIMI) u l-attakki ċibernetiċi, b'mod partikolari kontra l-infrastruttura kritika, għadhom sfida politika u ta' sigurtà għall-pajjiżi tat-tkabbir. Wara li żdied b'mod qawwi s-sena l-oħra wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, dan it-theddid għadu joħloq

riskju konsiderevoli kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi tat-tkabbir. Il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent ilu l-qafas ewlieni għall-kooperazzjoni f'din il-kwistjoni mill-2018.

Flimkien ma' żieda ġenerali fil-flussi migratorji irregolari, ix-xejriet li qed jinbidlu fir-rotot tal-Balkani tal-Punent jitolbu viġilanza kostanti b'mod partikolari fir-rigward tal-attività illegali tan-networks involuti fil-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin. Sar progress fil-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-migrazzjoni fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent. F'Diċembru 2022 il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent li jindirizza l-flussi dejjem jiżdiedu ta' wasliet irregolari lejn l-UE permezz tar-rotta tal-Balkani tal-Punent. L-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni għabiet l-ewwel riżultati bi tnaqqis fil-pressjoni migratorja fuq ir-rotta tal-Balkani tal-Punent fl-2023 b'mod partikolari bis-saħħa għal impenn politiku, finanzjarju u operazzjonali akbar bejn l-UE u s-sħab tal-Balkani tal-Punent dwar il-migrazzjoni u allinjament imtejjeb mal-politika tal-UE dwar il-viżi. L-allinjament tal-politika dwar il-viża mal-UE għadu kruċjali għall-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-ivjaġġar mingħajr viża ta' dawn is-sħab mal-UE. Jenħtieġ li jkomplu jsiru aktar sforzi biex isir progress fl-oqsma kollha tal-Pjan ta' Azzjoni.

F'Ottubru 2023 il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran biex tgħin fl-indirizzar tal-isfidi li għaddejjin tul ir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran. Tiddeskrivi miżuri operazzjonali għall-prevenzjoni tat-tluq irregolari, għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin, għall-provvista ta' perkorsi legali, għat-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri, għall-appoġġ għall-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni, u kapaċità ta' akkoljenza suffiċjenti.

Il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna wasslet għal żieda fl-għadd ta' refuġjati Ukreni. Il-Moldova, li tospita l-ogħla għadd ta' refuġjati Ukreni *per capita* fost il-pajjiżi tat-tkabbir, iżda wkoll pajjiżi bħall-Montenegro, is-Serbja, l-Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq kellha rwol kruċjali fl-ospitar ta' dawn ir-refuġjati.

Il-kwalità tal-**amministrazzjoni pubblika** u dik tal-qafas regolatorju huma kruċjali għall-**kompetittività fit-tul** tal-UE¹⁷. B'mod ġenerali, il-pajjiżi tat-tkabbir għadhom **imhejjja moderatament** f'termini ta' kwalità tal-amministrazzjoni pubblika tagħhom. Matul il-perjodu ta' rapportar, ġeneralment il-progress fir-riforma kien limitat ħafna. Il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet mis-snin ta' qabel għadhom japplikaw. Xejra tipika hija li bażi legali u istituzzjonali formali għal amministrazzjoni professjonali tkun tal-inqas parzjalment fis-seħħ, iżda ma tiġix applikata sistematikament.

Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fi Frar 2022, il-maġġoranza tal-10 **ekonomiji** tal-pajjiżi tat-tkabbir ħabbtu wiċċhom ma' sfidi ekonomiċi u soċjali kbar. Fl-Ukrajna, fl-2022 il-PDG naqas b'29,1 %, billi l-pajjiż kollu kien affettwat b'mod profond mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li rriżultat fi pressjoni sinifikanti fuq l-istabbiltà makroekonomika. Fl-2022 it-**tkabbir tal-PDG** tar-reġjun tal-Balkani tal-Punent naqas għal 3,2 %, tnaqqis mis-7,7 % tal-impatt ta' wara l-COVID-19 fl-2021, iżda s-severità tat-tnaqqis fir-ritmu kienet tvarja minn ekonomija għal oħra, bi tnaqqis fit-tkabbir tal-PDG reali għal 6,1 % fil-Montenegro, 4,8 % fl-Albanija, 4 % fil-Bożnija-Herzegovina, 3,5 % fil-Kosovo, 2,3 % fis-Serbja u 2,1 % fil-Maċedonja ta' Fuq. Fit-Turkija, it-**tkabbir tal-PDG** naqas għal 5,6 %. Fil-Moldova, il-PDG naqas drastikament b' 5,9 %, filwaqt li fil-Georgia l-PDG kompli jikber f'livelli ta' 10,1 %. Id-differenzi bejn il-pajjiżi f'dak li huwa tkabbir ekonomiku kienu xprunati l-aktar minn konsegwenzi diretti u indiretti tal-gwerra kontra l-Ukrajna, inkluż l-impatt tagħha

¹⁷ [COM\(2023\) 168 final](#).

fuq ir-rabtiet kummerċjali, l-enerġija, il-prezzijiet tal-ikel u l-flussi tar-refuġjati. Il-perspettiva ekonomika għall-10 ekonomiji għadha inċerta ħafna fir-rigward ta' konsegwenzi oħrajn potenzjali tal-gwerra fuq it-tkabbir, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali.

Qiegħed isir aktar importanti li l-10 ekonomiji tal-pajjiżi kollha tat-tkabbir jaċċelleraw ir-**riformi strutturali** biex jippermettu **rkupru sostenibbli** fit-terminu medju u javvanzaw il-progress tagħhom lejn l-issodisfar tal-kriterji ekonomiċi għas-sħubija fl-UE. Dan jinvolvi li jiġi żgurat li l-ekonomiji tas-suq ikunu qed jiffunzjonaw u juru li kapaċi jlaħħqu mal-pressjoni kompetittiva u mal-forzi tas-suq fl-Unjoni Ewropea.

Tista' tagħti ħarsa ġenerali aktar dettaljata tas-sitwazzjoni rigward il-prinċipji fundamentali tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE fil-pajjiżi tat-tkabbir fl-Anness 1.


V. IL-KONVERĠENZA EKONOMIKA FIL-BALKANI TAL-PUNENT GĦANDHA SSIR B'AKTAR GĦAĠĠLA

Fl-2023, wara 6 trimestri konsekuttivi fejn ir-rata tat-tkabbir kienet qed tiżdied bil-mod, il-produzzjoni ekonomika fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent espandiet aktar malajr fl-ewwel trimestru tal-2023 milli fit-3 xhur ta' qabel. It-tkabbir tal-PDG tar-reġjun żdied kemxejn u laħaq il-1,7 % sena wara sena minn 1,6 % fit-trimestru preċedenti, peress li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi minbarra l-Albanija u l-Bożnija-Herzegovina rreġistraw żieda fir-rata tat-tkabbir tal-produzzjoni. Ġeneralment it-tkabbir sar bis-saħħa tal-esportazzjonijiet netti u l-irkupru tal-investment. Il-konsum privat wera prestazzjoni mħallta, billi naqas fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi u saħansitra kien negattiv f'xi każijiet, iżda fil-Montenegro kompli jiżdied b'pass b'saħħtu.


L-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent ilhom jiffaċċjaw **sfidi kbar** li jżommuhom milli jieħdu vantaġġ sħiħ mill-potenzjal ekonomiku tagħhom minn qabel il-pandemija tal-COVID-19. Il-pajjiżi kienu għadhom lura fir-riforma tal-istrutturi ekonomiċi tagħhom u fit-titjib tal-kompetittività, u ffaċċjaw rati għolja tal-qgħad (b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh), spariġġ fil-ħiliet, ekonomija informali persistenti, ambjenti tan-negozju mhux favorevoli u livelli baxxi ta' innovazzjoni.

Il-klima ta' investment fil-Balkani tal-Punent baqgħet fil-biċċa l-kbira l-istess u hija kkaratterizzata minn stat tad-dritt dgħajjef, minn nuqqas ta' infurzar biżżejjed ta' kontroll fuq ir-regoli tal-ġajnuna mill-Istat, ekonomija sotteranja aktar mifruxa, aċċess batut għall-finanzjament għan-negozji u minn livell baxx ta' integrazzjoni reġjonali u konnettività. L-interferenza tal-Istat fl-ekonomija għadha tippersisti, u tista' taggrava r-riskju tal-korruzzjoni permezz ta' ġestjoni finanzjarja pubblika dgħajfa u t-tibdil frekwenti fl-ambjent regolatorju u t-taxxi. Hemm ħtieġa qawwija li l-infrastruttura tiġi aġġornata; l-investimenti jenħtieġ li jingħataw permezz ta' sensiela ta' proġetti waħdiena u jkunu konsistenti mal-prijoritajiet miftiehma mal-UE.

Il-konverġenza ekonomika tinsab fil-qalba tal-benefiċċji tas-sħubija fl-UE. Il-konverġenza tal-Balkani tal-Punent hija baxxa, bejn 30 u 50 % tal-medja tal-UE (f'termini ta' parità tal-kapaċità tal-akkwist), u mhijiex miexja b'pass mgħaġġel biżżejjed. L-esperjenza tal-ħames ċiklu tat-tkabbir tal-UE tixhed l-impatt pożittiv tas-sħubija fis-suq uniku tal-UE, flimkien mal-fondi strutturali fuq il-konverġenza ekonomika.



Sors: Eurostat, Bank Dinji



Sors: Eurostat, Bank Dinji

Biex tħaffef aktar ir-riformi u tikseb aktar riżultati f'termini ta' **konverġenza soċjoekonomika** tal-**Balkani tal-Punent** mal-Unjoni Ewropea, u biex tgħin lill-pajjiżi jissodisfaw ir-rekwiżiti

tas-sħubija fl-UE, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi **Pjan ġdid ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent**¹⁸, li javvanza xi wħud mill-vantaġġi u aktar inċentivi ta' riforma tas-sħubija fl-UE qabel l-adeżjoni.

VI. IL-KOOPERAZZJONI REĠJONALI U R-RELAZZJONIJIET TAJBIN BEJN IL-ĠIRIEN;

Ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali huma elementi essenzjali tal-proċessi ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni u tat-tkabbir.

Wara l-introduzzjoni b'suċċess ta' **Roam Like at Home** fis-sitt ekonomiji tal-Balkani tal-Punent mill-1 ta' Lulju 2021, ittieħdu passi preparatorji ulterjuri biex **jitnaqqsu t-tariffi tar-roaming bejn il-Balkani tal-Punent u l-UE**. Matul is-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Tirana ġie adottat pjan direzzjonali għat-tnaqqis tal-kostijiet tar-roaming bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Diċembru 2022. L-ewwel tnaqqis gradwali fl-imposti beda f'Ottubru 2023. L-ambizzjoni aħħarija tal-proċess huwa li jitnaqqsu l-prezzijiet tar-roaming mal-UE għal livell qrib il-prezzijiet domestiċi sal-2027. Fl-31 ta' Mejju 2023, l-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-UE u l-Moldova qablu li jbaxxu volontarjament it-tariffi tar-roaming minn Jannar 2024, biex b'hekk il-Moldova toqrob lejn iż-żona Roam Like at Home.

Saret ħidma teknika sostanzjali fil-firxa sħiħa tal-oqsma koperti mill-inizjattiva tas-Suq Reġjonali Komuni. Din il-ħidma, taħt l-awspiċi tal-**Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (Central European Free Trade Agreement, CEFTA)** u l-**Forum tal-investimenti tal-kmamar tal-kummerċ tas-6 Pajjiżi tal-Balkani tal-Punent**, għandha l-għan li tippermetti l-libertà tal-moviment għall-persuni, il-professjonisti u l-forniment ta' servizzi elettroniċi, li tiffaċilita l-impjiegi u l-kummerċ u li tiffaċilita l-proċeduri doganali fir-reġjun. F'Novembru 2022, fis-Summit tal-Proċess ta' Berlin, il-mexxejja tad-WB6 approvaw għadd ta' "ftehimiet ta' mobilità" li jkopru l-ivvjaġġar fir-reġjun fuq il-bażi tal-karti tal-identità, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali. Ladarba jiġu implimentati, dawn il-ftehimiet se joffru d-dritt għal "vjaġġar, studju u xogħol" madwar ir-reġjun kollu. Ġew stabbiliti korsiji hodur u blu addizzjonali bejn l-Italja, il-Montenegro u l-Albanija rispettivament, u bejn il-Kroazja, u l-Montenegro u l-Bożnija-Herzegovina rispettivament, bl-appoġġ attiv tal-Komunità tat-Trasport u tas-CEFTA. B'mod aktar ġenerali, il-Komunità tat-Trasport kellha rwol importanti li tappoġġa lill-Balkani tal-Punent fil-proċess tat-tkabbir permezz tal-implimentazzjoni tal-*acquis* rilevanti tal-UE dwar it-trasport, u se tagħmel l-istess għall-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia, wara li assoċjaw ruħhom aktar mill-qrib mal-Komunità tat-Trasport. Madankollu, in-nuqqas ta' qbil bejn is-Serbja u l-Kosovo dwar kwistjonijiet ta' *status* kompli jipprevjeni l-adozzjoni formali ta' għadd dejjem jikber ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet ekonomikament importanti li nftiehm u teknikament fil-qafas tas-CEFTA. Ir-reġjun jeħtieġ li juri tmexxija politika biex titlesta din il-ħidma u jiġu adottati ftehimiet jew deċiżjonijiet legalment vinkolanti fost is-sħab kollha tal-Balkani tal-Punent, għall-benefiċċju tal-popolazzjonijiet u tan-negozji tagħhom. Dan jeħtieġ attenzjoni konġunta fuq l-istabbiliment tas-Suq Reġjonali Komuni, li jibni fuq ir-regoli u fuq l-istandards tal-UE u li jiġu evitati passi unilaterali li jipperikolaw din il-ħidma.

In-normalizzazzjoni komprensiva tar-relazzjonijiet bejn il-Kosovo u s-Serbja permezz tad-Djalogu ffaċilitat mill-UE tibqa' ċentrali għall-futur Ewropew tagħhom u għall-istabbiltà tar-reġjun kollu.

¹⁸ COM(2023) 691

Il-ftehimiet bilaterali eżistenti, inkluż il-Ftehim ta' Prespa bejn il-Greċja u l-Maċedonja ta' Fuq u t-Trattat ta' Ħbiberija, Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u Kooperazzjoni mal-Bulgarija, jeħtieġ li jkomplu jiġu implimentati *bona fide* mill-partijiet kollha.

Fil-Balkani tal-Punent, huwa importanti ferm li **jingħeleb il-wirt tal-passat** u li jiġi indirizzat it-tilwim li jirriżulta mill-kunflitti tas-snin 90 huwa ferm importanti. Għadhom iridu jiġu solvuti kwistjonijiet bilaterali pendenti importanti, inklużi kwistjonijiet dwar il-fruntieri u t-twassil tal-ġustizzja lill-vittmi tad-delitti tal-gwerra, l-identifikazzjoni ta' persuni nieqsa li fadal, u l-istabbiliment ta' rekord preċiż ta' atroċitajiet tal-passat fil-livell reġjonali. Fl-UE ma hemmx post għal retorika li ssaħħan l-irjus jew għall-glorifikazzjoni tal-kriminali tal-gwerra, minn kwalunkwe naħa.

Sal-bidu tal-2023 ir-relazzjonijiet bejn it-**Turkija** u l-Greċja marru għall-aġġar, madankollu, is-solidarjetà li ntweriet mill-poplu u l-Gvern Grieg wara t-terremoti ta' Frar 2023 wasslet għal titjib sinifikanti fir-relazzjonijiet. Wara seħħew skambji ta' livell għoli, inklużi laqgħat fil-livell ta' kap ta' stat.

Matul il-perjodu ta' rapportar, it-Turkija ma kienet involuta fl-ebda attività ta' tħaffir mhux awtorizzat fil-Lvant tal-Mediterran.

Il-kontinwazzjoni ta' djalogu bona fide u t-trażżin ta' azzjonijiet unilaterali, li jmorru kontra l-interessi tal-UE u li jiksru d-dritt internazzjonali u d-drittijiet sovrani tal-Istati Membri tal-UE, huma rekwiżit essenzjali biex jiġi żgurat ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u għall-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u li tkun ta' benefiċċju reċiproku għall-UE u għat-Turkija. It-Turkija mistennija tikkommetti ruħha b'mod inekwivoku għal relazzjonijiet tajba mal-viċinat, għal ftehimiet internazzjonali, u għar-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, b'rikors, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja.

L-UE tibqa' impenjata li tiddefendi l-interessi tagħha u dawk tal-Istati Membri tagħha, kif ukoll li żżomm l-istabbiltà reġjonali.

Huwa importanti ħafna li t-Turkija timpenja ruħha u tikkontribwixxi b'mod attiv għan-negozjati għal **soluzzjoni** ġusta, komprensiva u vijabbli tal-**kwistjoni ta' Ċipru** fil-qafas tan-NU, fuq il-bażi ta' federazzjoni bikomunali u biżonali b'ugwaljanza politika, u f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kif ukoll f'konformità mal-*acquis* tal-UE u l-prinċipji li fuqhom tissejjes l-UE. Jenħtieġ li ma tittieħed l-ebda azzjoni unilaterali li tista' tqajjem tensjonijiet fuq il-gżira u li tista' tkun ta' xkiel biex jerġgħu jibdew it-taħditiet. It-Turkija trid treġġa' lura minnufih l-azzjonijiet u l-passi kollha li ttieħdu minn Ottubru 2020 fir-rigward ta' Varosha, li jmorru kontra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. It-Turkija trid tissodisfa l-obbligu tagħha li timplimenta bis-sħiħ il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Turkija, u li tagħmel progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mar-Repubblika ta' Ċipru b'mod urġenti. It-Turkija kompliet tippromwovi soluzzjoni ta' żewġ stati, għall-kuntrarju tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-**Ukrajna** ħalliet impatt fuq ir-relazzjonijiet mas-sħab bilaterali u l-pajjiżi ġirien tagħha. L-awtoritajiet Ukreni fittxew li jżommu u jkomplu jsaħħu l-kooperazzjoni u r-rabtiet diplomatiċi mal-pajjiżi Ewropej.

Ir-relazzjonijiet tal-Ukrajna mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent tjiebu b'mod ġenerali, b'fehmiert diverġenti mal-entità tar-*Repubblika Srpska* tas-Serbja u tal-Bożnija-Herzegovina dwar ir-relazzjonijiet tagħhom mar-Russja. Ir-relazzjonijiet mal-Georgia esperjenzaw xi pressjoni,

b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' allinjament tal-Georgia mas-sanzjonijiet kontra r-Russja. It-Türkiye għadha sieħeb strateġiku tal-Ukrajna, b'rabtiet ekonomiċi u interpersonali bilaterali importanti, mixhuda minn reġim bilaterali mingħajr viża u ftehim ta' kummerċ ħieles li ġie iffirmit fi Frar 2022. It-Türkiye kienet ukoll parteċipant prominenti fil-Pjattaforma Internazzjonali tal-Ukrajna għall-Krimea.

Wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Moldova żiedet il-kooperazzjoni mal-Ukrajna u mar-Rumanija fuq l-appoġġ umanitarju għar-refuġjati Ukreni, is-sigurtà tal-enerġija, it-trasport u l-konnettività. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet aktar minn EUR 48 miljun f'assistenza umanitarja lill-Moldova biex tappoġġa kemm lir-refuġjati Ukreni li jgħixu fil-pajjiż, kif ukoll lill-familji Moldovani li jospitawhom.

Il-kooperazzjoni bilaterali mal-Ukrajna kompliet titjeb matul il-perjodu ta' rapportar. Il-Moldova wriet solidarjetà mal-Ukrajna sa mill-bidu tal-gwerra tar-Russja, invutat favur ir-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, u allinjat ruħha ma' għadd ta' dikjarazzjonijiet politiċi f'organizzazzjonijiet internazzjonali li jikkundannaw l-aggressjoni militari. Il-pajjiż ospita u appoġġa għadd kbir ta' refuġjati, li jiddependu ħafna fuq donaturi umanitarji internazzjonali, u appoġġa b'mod attiv l-iżvilupp ta' rotot kummerċjali ġodda bl-inizjattiva "Korsiji ta' Solidarjetà". Wara l-qerda tad-diġa ta' Kakhovka, il-Moldova offriet assistenza bilaterali lill-Ukrajna biex tindirizza l-konsegwenzi umanitarji tad-diżastru.

Mill-gwerra tal-2008 il-Georgia żammet relazzjonijiet diplomatiċi mal-ġirien kollha tagħha minbarra mal-Federazzjoni Russa. Iż-żewġ naħat jipparteċipaw fid-Diskussjoni Internazzjonali ta' Ġinevra, kopreseduta mill-UE, in-NU u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. Il-Georgia għandha sħubija strateġika mat-Turkija. Il-Georgia għadha tappoġġa l-integrità territorjali u s-sovranià tal-Ukrajna, inkluż permezz ta' kosponsorizzazzjoni tar-risoluzzjonijiet tan-NU b'appoġġ għall-Ukrajna, madankollu ma allinjax mal-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja. It-tkomplija tat-titjiriet bejn ir-Russja u l-Georgia u l-kundizzjonijiet tas-saħħa fil-ħabs tal-eks President Georgian Saakashvili, ċittadin Ukren, wasslu għal tensjonijiet diplomatiċi addizzjonali.

L-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia għadhom jipparteċipaw ukoll b'mod attiv fis-**Sħubija tal-Lvant**.

Il-kooperazzjoni territorjali tippermetti lill-pajjiżi tat-tkabbir jaħdmu flimkien u mal-Istati Membri tal-viċinat f'setturi soċjali u ekonomiċi ewlenin. B'mod aktar speċifiku, il-programmi ta' **kooperazzjoni transfruntiera** jgħolqu opportunitajiet għal djalogu u għal kooperazzjoni fil-livell tal-gvern lokali, bl-involvement tal-komunitajiet, tas-settur privat u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku u l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju komplew jikkontribwixxu għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati, billi jrawmu l-kapaċità amministrattiva dwar politiki differenti tal-UE, inkluża l-politika ta' koeżjoni; u joffru pjattaforma għall-kooperazzjoni.

VII. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

I.

1. F'**ambjent ġeopolitiku** li qed jinbidel malajr, l-UE wriet li hija lesta tagħmel il-parti tagħha billi ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fix-xena dinjija. F'konformità mal-għan tal-Unjoni li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri tal-popli tagħha, it-tkabbir tal-UE għadu għodda b'saħħitha għall-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-

drittijiet fundamentali. Perspettiva ta' adeżjoni kredibbli u bbażata fuq il-mertu huwa l-mutur ewlieni tat-trasformazzjoni u b'hekk isahha is-sigurtà kollettiva u l-prosperità soċjoekonomika tagħna. Huwa essenzjali għat-trawwim tar-rikonċiljazzjoni u l-istabbiltà fil-kontinent Ewropew. B'reazzjoni għas-sejħa tal-istorja, issa rridu naħdmu biex **inħaffu t-tkabbir tal-UE u nikkompletaw l-Unjoni**.

2. **Il-politika tat-tkabbir tal-UE diġà kisbet momentum ġdid.** Prospett sod ta' sħubija fl-UE għall-Balkani tal-Punent, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia huwa fl-interess politiku, ekonomiku u ta' sigurtà tal-UE stess u huwa essenzjali fil-kuntest ġeopolitiku ta' bħalissa.

Fid-dikjarazzjoni ta' Granada¹⁹, il-mexxejja tal-UE fakkru li *“t-tkabbir huwa mutur għat-titjib tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali taċ-ċittadini Ewropej, għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-pajjiżi u jrid irawwem il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni.”* Jinnotaw ukoll li **kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tal-futur** iridu jkunu lesti għal Unjoni akbar. Għal dan il-għan, jeħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi l-pedamenti u r-riformi interni meħtieġa. Fl-istess waqt, huwa essenzjali li l-membri aspiranti jżidu l-isforzi ta' riforma tagħhom, b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt, f'konformità man-natura bbażata fuq il-mertu tal-proċess ta' adeżjoni u bl-assistenza tal-UE.

3. Fl-aħħar sena saru **żviluppi sinifikanti** fl-aġenda tat-tkabbir tal-UE.

Il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-perspettiva Ewropea tal-**Ukrajna, tal-Moldova u tal-Georgia**. Il-mexxejja tal-UE ddeċidew li jagħtu l-*istatus* ta' pajjiż kandidat lill-Ukrajna u lill-Repubblika tal-Moldova, u li jagħtu l-*istatus* ta' pajjiż kandidat lill-Georgia, ladarba jkunu ġew indirizzati l-prijoritajiet speċifikati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għas-sħubija tal-Georgia.

Fil-**Balkani tal-Punent**, l-ewwel Konferenzi Intergovernattivi mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq dwar **in-negozjati tal-adeżjoni** saret f'Lulju 2022, segwita mir-rieżami analitiku tal-proċess (skrinjar) tal-*acquis* tal-UE. F'Diċembru 2022, il-Kunsill Ewropew ta lill-Bożnija-Herzegovina l-*istatus* ta' **kandidat tal-UE** bil-fehim li l-pajjiż jimplimenta l-passi speċifikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2022 dwar il-politika tat-tkabbir. F'Diċembru 2022 il-**Kosovo** applika għal sħubija fl-UE. Fir-rebbiegħa tal-2023, l-UE qablet dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża għall-Kosovo, li se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

4. Il-pajjiżi kollha tat-tkabbir issa għandhom **tieqa storika ta' opportunità** biex jorbtu b'mod qawwi l-futur tagħhom mal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tgħaġġel il-proċessi ta' adeżjoni rispettivi tagħhom u li tiżgura li **t-tkabbir li jmiss ikun katalist għall-progress**. L-adeżjoni hija, u se tibqa', **proċess ibbażat fuq il-mertu** li jiddependi għalkollox fuq il-progress oġġettiv li jinkiseb minn kull pajjiż. L-istat tad-dritt, l-ekonomija, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika għadhom il-pedamenti tal-politika tat-tkabbir. Il-pajjiżi jkollhom jaġixxu b'determinazzjoni aktar qawwiya biex jimplimentaw ir-riformi meħtieġa u jagħmlu progress tanġibbli u irriversibbli fuq il-prinċipji fundamentali sabiex jużaw il-momentum il-ġdid bis-sħiħ.
5. Barra minn hekk, it-tkabbir ekonomiku f'ħafna mill-pajjiżi miexi bil-mod wisq u għalhekk il-konverġenza mal-UE mhux qed isseħħ bir-ritmu mixtieq. Iridu jsiru riformi strutturali mmirati b'mod partikolari biex jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tkabbir tar-reġjun tal-Balkani tal-Punent. It-titjib tal-istat tad-dritt u tal-ambjent tan-negozju huma kruċjali biex jinġibed

¹⁹ [Id-dikjarazzjoni ta' Granada](#)

il-livell ta' investiment kif ukoll biex tissaħħaħ l-integrazzjoni kummerċjali li huma meħtieġa biex tingħata spinta lit-tkabbir u biex ir-reġjun jersaq eqreb lejn l-UE. Għaldaqstant, fl-istess ħin il-Kummissjoni qed tipproponi **Pjan ta' Tkabbir ġdid għall-Balkani tal-Punent**²⁰. Il-pjan jikkonsisti f'erba' pilastri li se jsaħħu lil xulxin, (i) iżidu l-integrazzjoni mas-Suq Uniku tal-UE li jeħtieġ li jimxi id f'id ma' (ii) il-ftuħ tas-swieq għall-ġirien kollha tal-Balkani tal-Punent u l-bini ta' Suq Reġjonali Komuni. (iii) sabiex ir-riformi attwali jitfannu aktar, il-prijoritajiet ta' investiment u r-riformi se jiġu artikulati fl-Aġendi ta' Riforma għal kull pajjiż, filwaqt li jibnu fuq il-Programmi ta' Riforma Ekonomika. (iv) it-twettiq ta' dawn ir-riformi se jillibera aktar assistenza finanzjarja.

Hemm **kwistjonijiet bilaterali**, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, qed iżommu lura mhux biss l-integrazzjoni ekonomika reġjonali iżda wkoll inaqqsu r-ritmu tal-mogħdijiet rispettivi tal-UE tal-pajjiżi. Kwistjonijiet mhux solvuti jiġġeneraw riskju ta' instabbiltà u saħansitra eskalazzjoni, kif joħroġ fid-dieher mill-attakk vjolenti kontra l-pulizija tal-Kosovo fl-24 ta' Settembru, f'Banjska fit-Tramuntana tal-Kosovo. Għalhekk, huwa essenzjali li l-kwistjonijiet miftuħa jiġu indirizzati, u li jinstabu soluzzjonijiet reċiprokament aċċettabbli mill-partijiet ikkonċernati. F'dan il-kuntest, kemm il-Kosovo kif ukoll is-Serbja huma mħeġġa jimpenjaw ruħhom b'mod aktar kostruttiv fl-implimentazzjoni tad-djalogu ffaċilitat mill-UE tal-Ftehim fit-triq lejn in-normalizzazzjoni u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu kif ukoll ftehimiet oħra milħuqa fid-djalogu ffaċilitat mill-UE mingħajr aktar dewmien jew prekundizzjonijiet. Dan jinkludi l-istabbiliment tal-Assoċjazzjoni/Komunità tal-Muniċipalitajiet b'Maġġoranza Serba. In-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet hija kundizzjoni essenzjali fit-triq Ewropea taż-żewġ Partijiet. It-tnejn li huma jirriskjaw li jitilfu opportunitajiet importanti jekk ma jagħmlux progress.

6. **It-Turkija** għadha sieħeb ewlieni għall-Unjoni Ewropea f'oqsma essenzjali ta' interess konġunt. L-UE għandha interess strateġiku f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' sħubija ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija.

F'Diċembru 2022, il-Kunsill tenna li t-Turkija qed tkompli titbiegħed mill-Unjoni Ewropea, u li għaldaqstant in-negozjati ta' adeżjoni tat-Turkija huma effettivament weqfin u ma jista' jiġi kkunsidrat l-ebda kapitolu ieħor għall-ftuħ jew għall-għeluq. Il-fatti sottostanti li wasslu għal din il-konklużjoni għadhom validi. F'Ġunju 2023, il-Kunsill Ewropew stieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw rapport lill-Kunsill Ewropew dwar is-sitwazzjoni attwali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija, li jibni fuq l-istrumenti u l-għażliet identifikati mill-Kunsill Ewropew, u bil-ħsieb li jipproċedu b'mod strateġiku u li jħares 'il quddiem. Dan ir-rapport se jiġi ppreżentat f'Novembru 2023. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se jaġġornaw lill-Kunsill Ewropew dwar is-sitwazzjoni attwali tal-passi msemmija hawn fuq sa tmiem l-2024.

II.

²⁰ COM(2023) 691; COM(2023) 692

7. **Fil-Montenegro**, l-impenn politiku tal-awtoritajiet għall-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż mal-UE huwa l-prijorità ewlenija għall-pajjiż u, b'mod ġenerali, huwa rifless fid-deċiżjonijiet ta' politika. Dan kien jinkludi rata ta' allinjament kostanti ta' 100 % mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE, inkluż sanzjonijiet. Il-Montenegro kkontribwixxa għall-ġestjoni tal-flussi migratorji mħallta lejn l-UE billi kkoopera fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent. Madankollu, f'dawn l-aħħar sentejn, l-instabbiltà politika, it-tensjonijiet, il-funzjonament dgħajfef tal-istituzzjonijiet demokratiċi u ġudizzjarji u n-nuqqas ta' gvern proprju waqqfu l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni tar-riformi, u dan wassal għal tnaqqis sinifikanti fir-ritmu tan-negozjati. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tikkonkludi li, f'konformità mal-qafas tan-negozjati, bħalissa qed jiġi żgurat bilanċ ġenerali bejn il-progress taħt il-kapitoli tal-istat tad-dritt, minn naħa waħda, u l-progress fin-negozjati tal-adeżjoni fil-kapitoli kollha, min-naħa l-oħra.

Il-prijorità biex isir aktar progress ġenerali fin-negozjati tal-adeżjoni - u qabel ma jsiru passi biex jingħalqu b'mod proviżorju kapitoli jew raggruppamenti oħrajn - tibqa' **t-twettiq tal-parametri referenzjarji *interim*** tal-istat tad-dritt stabbiliti fil-Kapitoli 23 u 24. Sabiex jilħaq dan l-istadju importanti, il-Montenegro jrid jintensifika l-isforzi tiegħu biex jindirizza l-kwistjonijiet pendenti, inkluż fl-oqsma kritiċi tal-libertà tal-espressjoni u tal-libertà tal-media u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u jgħaġġel u jfannad i-riformi dwar l-indipendenza, il-professjonaliżmu u r-responsabbiltà tal-ġudikatura, inkluż il-ħatriet ġudizzjarji. Il-kostituzzjoni tal-Parlament il-ġdid u l-gvern il-ġdid seħħet fl-aħħar ta' Ottubru 2023. Il-gvern il-ġdid jeħtieġ li jiffoka fuq it-twettiq ta' riformi pendenti ewlenin relatati mal-UE, u huwa kruċjali li jkun hemm Parlament li jiffunzjona tajjeb. Il-ħidma għandha tiffoka fuq il-bini ta' kunsens politiku wiesa' dwar riformi ewlenin u fuq it-tisħiħ tal-fokus fuq riżultati ewlenin biex l-aġenda ta' integrazzjoni tal-UE titmexxa 'l quddiem fil-prattika.

8. **Fis-Serbja**, ir-ritmu tar-riformi żdied wara l-formazzjoni tal-gvern il-ġdid lejn l-aħħar ta' Ottubru 2022, għalkemm l-iżviluppi politiċi wara ż-żewġ attackki tal-massa traġiċi f'Mejju 2023 naqqsu r-ritmu temporanjament. Fil-qasam tal-istat tad-dritt, is-Serbja ħadet passi biex issaħħaħ l-indipendenza u r-responsabbiltà tal-ġudikatura bl-adozzjoni f'waqtha tal-leġiżlazzjoni li tagħti effett prattiku lill-emendi kostituzzjonali tal-2022. Is-Serbja ħejjiet u adottat ukoll leġiżlazzjoni ġdida dwar il-media li l-implimentazzjoni tagħha tista' ttejjeb l-ambjent regolatorju b'mod sinifikanti. Hija tejbet l-allinjament tagħha mal-politika tal-UE dwar il-viżi u ħassret il-Liġi dwar proċeduri speċjali ta' akkwist pubbliku għal proġetti ta' infrastruttura lineari. Huma meħtieġa aktar ħidma u impenn politiku fit-tul biex jiġu adottati u implimentati r-riformi meħtieġa fil-qasam tal-istat tad-dritt. Il-qafas legali li se jippermetti s-separazzjoni tas-settur tal-gass ġie stabbilit, madankollu, issa d-dewmien sar sinifikanti. Is-Serbja kkonkludiet Ftehim ta' Kummerċ Ħieles maċ-Ċina, li qajjem dubji serji. Jeħtieġ li s-Serbja ttejjeb, bħala kwistjoni ta' prijorità, l-allinjament tagħha mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE, inklużi miżuri restrittivi u dikjarazzjonijiet dwar ir-Russja, u trid toqgħod lura minn azzjonijiet u dikjarazzjonijiet li jmorru kontra l-pożizzjonijiet tal-UE dwar il-politika barranija u kwistjonijiet strateġiċi oħra. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija li, f'konformità mal-qafas tan-negozjati, seta' jinkiseb ħafna aktar progress fin-negozjati tal-adeżjoni. L-attenzjoni kostanti kellha tħares l-bilanċ ġenerali bejn il-progress taħt il-kapitoli tal-istat tad-dritt u tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo, minn naħa waħda, u l-progress fin-negozjati tal-adeżjoni fil-

kapitoli kollha, min-naħa l-oħra. In-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet hija kundizzjoni essenzjali fit-triq Ewropea kemm tas-Serbja kif ukoll tal-Kosovo u t-tnejn li huma qed jirriskjaw li jitilfu opportunitajiet importanti fin-nuqqas ta' progress.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għadha li s-Serbja teknikament issodisfat il-parametri referenzjarji biex tiftaħ ir-raggruppament 3 (Kompetittività u tkabbir inklużiv).

Il-progress tas-Serbja dwar l-istat tad-dritt u n-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo se jkompli jiddetermina r-ritmu ġenerali tan-negożjati dwar l-adeżjoni. Fis-sena li ġejja, is-Serbja mistennija turi b'mod inekwivoku d-determinazzjoni tagħha li tavvanza l-proċess ta' adeżjoni billi taċċellera l-ħidma tagħha fuq l-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-adeżjoni mal-UE kollha. Fil-qasam tal-istat tad-dritt, is-Serbja mistennija tindirizza n-nuqqasijiet, b'mod partikolari fl-oqsma ewlenin tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-libertà tal-media, u t-trattament domestiku tad-delitti tal-gwerra. Jeħtieġ ukoll li tagħmel sforzi kredibbli biex tagħlaq id-diżinformazzjoni u l-interferenza barranija u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, tnaqqas id-dipendenza tas-settur tal-enerġija tagħha fuq ir-Russja, issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni u tiegħu r-responsabbiltà għal komunikazzjoni proattiva u oġġettiva dwar l-UE. Is-Serbja kkontribwixxiet għall-ġestjoni tal-flussi migratorji mħallta lejn l-UE billi kkoopera fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent.

Is-Serbja baqgħet involuta fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo, iżda jeħtieġ li turi impenn aktar serju, tinvesti aktar sforzi u tagħmel compromessi biex isir progress fuq il-proċess ta' normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo. Jeħtieġ li s-Serbja tirrispetta l-impenji tad-Djalogu tagħha u timpenja ruħha għall-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet kollha ta' Djalogu tal-passat u l-Ftehim dwar il-Perkors lejn in-Normalizzazzjoni u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu. Il-pajjiż huwa mistenni li jimpenja ruħu b'mod aktar kostruttiv biex jippermetti negożjati dwar il-Ftehim ta' normalizzazzjoni komprensiv legalment vinkolanti. Is-Serbja mistennija wkoll tikkoopera bis-sħiħ fl-investigazzjonijiet dwar l-attakk vjolenti kontra l-Pulizija tal-Kosovo tal-24 ta' Settembru 2023 u l-attakk fuq il-KFOR fid-29 ta' Mejju. L-awturi tal-attakk jeħtieġ li jinqabdu u jitressqu malajr quddiem il-ġustizzja u s-Serbja trid tikkoopera bis-sħiħ u tiegħu l-passi kollha meħtieġa f'dan ir-rigward.

9. **Fil-Maċedonja ta' Fuq**, l-awtoritajiet konsistentement iddikjaraw li l-adeżjoni mal-UE għadha l-għan strateġiku tagħhom. Bħala pajjiż li qed jinnegozja, il-Maċedonja ta' Fuq jeħtieġ li twettaq l-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE, inkluż fl-oqsma tar-raggruppament tal-oqsma fundamentali b'mod partikolari l-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, u l-akkwist pubbliku. Xi bidliet fil-kodiċi kriminali, li jaffettwaw għadd kbir ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli, qajmu tħassib serju. It-tisħiħ tal-fiduċja fis-sistema ġudizzjarja u l-indirizzar tal-korruzzjoni mingħajr dewmien, inkluż permezz ta' rekord sod fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-kundanna finali ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli huma ta' importanza ewlenija. Il-pajjiż kompli jallinja ruħu bis-sħiħ mad-deċizzjonijiet kollha tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Maċedonja ta' Fuq ikkontribwixxa għall-ġestjoni tal-flussi migratorji mħallta lejn l-UE billi kkoopera fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent.

Il-Maċedonja ta' Fuq impenjat ruħha li tniedi u tikseb bħala kwistjoni ta' prijorità l-bidliet kostituzzjonali rilevanti, bil-għan li fil-Kostituzzjoni jinkludu liċ-ċittadini li jgħixu fil-fruntieri tal-Istat u li huma parti minn poplu ieħor. Il-pajjiż jipprovdi eżempju tajjeb ta' soċjetà multietnika. Wara l-ewwel Konferenza Intergovernattiva dwar il-proċess tan-negozjati tal-adeżjoni mal-UE mal-Maċedonja ta' Fuq f'Lulju 2022, l-eżami analitiku tal-*acquis* tal-UE (l-iskrinjar) għamel progress bla xkiel. Il-Maċedonja ta' Fuq impenjat ruħha b'mod attiv u wriet livell għoli ta' impenn matul il-proċess ta' skrinjar. Ir-rapport ta' skrinjar dwar "Raggruppament 1 - il-Prinċipji Fundamentali" ġew ippreżentati lill-Kunsill f'Lulju 2023.

Fid-dawl tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni qed tistenna b'interess segwitu rapidu u deċiżiv għar-rapport ta' skrinjar dwar ir-"Raggruppament 1 - il-Prinċipji Fundamentali", inkluż fir-rigward tal-pjanijiet direzzjonali tal-pajjiż f'konformità mal-Qafas tan-Neogzjati, bil-ħsieb li jinfetħ l-ewwel Raggruppament sa tmiem din is-sena.

10. Fl-**Albanija**, l-awtoritajiet iddikjaraw b'mod konsistenti li l-għan strateġiku tal-adeżjoni mal-UE huwa l-prijorità ewlenija tal-pajjiż. L-Albanija kompliet tagħmel progress fir-riformi taħt ir-raggruppament tal-oqsma fundamentali, inkluż bl-implimentazzjoni kontinwa tar-riforma komprensiva tal-ġustizzja. Inkisbu aktar riżultati konkreti mill-Istruttura Speċjalizzata kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata (SPAK, Specialised Structure against Corruption and Organised Crime). Il-kooperazzjoni tajba mal-Istati Membri tal-UE u l-aġenziji tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata għadha għaddejja. L-Albanija kkontribwixxiet għall-ġestjoni tal-flussi migratorji mħallta lejn l-UE billi kkoopera fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent.

Bħala membru mhux permanenti, l-Albanija kienet involuta b'mod attiv fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU inkluż bħala koawtur ta' abbozzi ta' riżoluzzjonijiet li kkundannaw l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. L-allinjament sħiħ mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE mill-Albanija kien sinjal qawwi tal-għażla strateġika tagħha dwar l-adeżjoni mal-UE u tar-rwol tagħha bħala sieħeb affidabbli.

Wara l-ewwel Konferenza Intergovernattiva dwar il-proċess tan-negozjati tal-adeżjoni mal-UE mal-Albanija f'Lulju 2022, l-eżami analitiku tal-*acquis* tal-UE (l-iskrinjar) għamel progress bla xkiel. Il-Albanija impenjat ruħha b'mod attiv u wriet livell għoli ta' impenn matul il-proċess ta' skrinjar. Ir-rapport ta' skrinjar dwar "Raggruppament 1 - il-Prinċipji Fundamentali" ġew ippreżentati lill-Kunsill f'Lulju 2023.

Fid-dawl tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni qed tistenna b'interess segwitu rapidu u deċiżiv għar-rapport ta' skrinjar dwar ir-"Raggruppament 1 - il-Prinċipji Fundamentali", inkluż fir-rigward tal-pjanijiet direzzjonali tal-pajjiż f'konformità mal-Qafas tan-Neogzjati, bil-ħsieb li jinfetħ l-ewwel Raggruppament sa tmiem din is-sena.

11. Il-Kummissjoni tilqa' l-isforzi ta' riformi mwettqa mill-**Bożnija-Ħerzegovina** mil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2022 li tat *status* ta' kandidat lill-pajjiż. Il-Kummissjoni tilqa' wkoll il-bidu tal-mandat tal-Kunsill tal-Ministri ġdid mingħajr telf ta' żmien f'Jannar

2023. L-impenn pubbliku tal-partiti politiċi għall-għan strateġiku tal-integrazzjoni Ewropea wassal għal riżultati pożittivi.

Ittieħdu passi u impenji lejn it-tweġġ tal-prijoritajiet ewlenin u biex jiġu indirizzati l-passi speċifikati fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għall-*istatus* ta' kandidat. Il-Kunsill tal-Ministri adotta strateġiji biex jiġġieled il-kriminalità organizzata, għamel valutazzjoni tar-riskju aġġornata u pjan ta' azzjoni li jakkumpanjah dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanżjament tat-terroriżmu, adotta strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni dwar il-migrazzjoni u t-terroriżmu, u ħatar korp superviżorju għall-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali għall-ipproċessar tad-delitti tal-gwerra. Il-Bożnija-Herzegovina kkontribwixxiet għall-ġestjoni tal-flussi migratorji mħallta lejn l-UE billi kkooperat fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent. Il-punt ta' kuntatt mal-Europol beda jopera f'Ġunju 2023. Il-pajjiż adotta liġijiet, b'mod partikolari dwar l-integrità fil-ġudikatura permezz ta' emendi tal-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli; il-prevenzjoni tat-tortura (il-ħatra tal-Ombudsman bħala mekkaniżmu nazzjonali ta' prevenzjoni); il-barranin; il-libertà tal-aċċess għall-informazzjoni u adottat il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi. L-allinjament mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE tjiieb b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' rappurtar, iżda għad fadal aktar xi jsir fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi.

L-impenn pubbliku tal-koalizzjoni tal-partijiet favur l-għan strateġiku tal-integrazzjoni Ewropea wassal għal riżultati pożittivi minn mindu l-pajjiż ingħata l-*istatus* ta' kandidat. Fl-istess ħin, kien hemm żviluppi negattivi fl-entità ta' *Republika Srpska*. L-entità talbet lill-imħallfin kostituzzjonali biex jirriżenjaw u adottat liġi li tiddikjara li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali ma jiġux implimentati, bi ksur tal-ordni kostituzzjonali u legali tal-pajjiż. L-entità introduċiet mill-ġdid ukoll pjeni kriminali għall-malafama, filwaqt li liġġmet il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media. L-entità qed tistenna l-adozzjoni ta' abbozz ta' liġi mmirat lejn gruppi tas-soċjetà ċivili bħala "aġenti barranin"; jekk tiġi adottata, din timmarka pass importanti ieħor lura fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Azzjonijiet seċessjonisti li jdgħajfu l-unità, is-sovrani, l-integrità territorjali, l-ordni kostituzzjonali u l-personalità internazzjonali tal-pajjiż idgħajfu l-progress fl-adeżjoni mal-UE.

Għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali għad iridu jiġu infurzati bis-sħiħ, b'mod partikolari fuq il-proprjetà tal-istat. Jenħtieġ li l-assemblej taż-żewġ entitajiet jaħtru malajr imħallfin biex jiżguraw il-kompożizzjoni sħiħa tal-Qorti Kostituzzjonali. Il-pajjiż jeħtieġ jiffinalizza b'mod urġenti r-riformi kostituzzjonali u elettorali pendenti. Għad hemm bżonn ta' riformi biex il-Kostituzzjoni ssir konformi mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, f'konformità mal-ġurisprudenza *Sejdić-Finci*.

B'mod ġenerali, huma meħtieġa aktar sforzi biex il-Bożnija-Herzegovina tissodisfa l-14-il prijorità ewlenija stabbiliti fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tagħha għas-sħubija fl-UE u l-passi speċifikati fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għall-*istatus* ta' kandidat. Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-erbatax-il prijorità ewlenija hija speċifikata fir-rapport tal-pajjiż. Il-Kummissjoni tirrakkomanda l-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni mal-UE mal-Bożnija-Herzegovina, ladarba jsir il-livell meħtieġ ta' konformità mal-kriterji tas-sħubija.

Il-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar il-progress sa mhux aktar tard minn Marzu 2024.

12. Wara l-applikazzjoni tal-**Kosovo** għas-sħubija fl-UE f'Diċembru 2022, il-gvern tiegħu kompli jmxexxi 'l quddiem l-aġenda ta' riforma tal-UE tiegħu. Il-Kosovo għamel progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet tal-UE li ilhom jeżistu għar-riforma elettorali, li wassal għall-adozzjoni ta' żewġ liġijiet elettorali importanti. Jeħtieġ li l-Kosovo jintensifika l-isforzi tiegħu biex isaħħaħ l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni pubblika u jibni r-reżiljenza enerġetika. Il-Kosovo kkontribwixxa għall-ġestjoni tal-flussi migratorji mħallta lejn l-UE billi kkoopera fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent. Il-liberalizzazzjoni tal-viża għaċ-ċittadini tal-Kosovo skedata li tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024. Is-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Kosovo ġiet affettwata minn diversi kriżijiet b'intensitajiet differenti. Is-Serbi tal-Kosovo rriżenjaw kollettivament mill-istituzzjonijiet tal-Kosovo f'Novembru 2022. Wara l-irtirar tagħhom, f'April 2023 ġew organizzati elezzjonijiet sekondarji lokali fl-erba' municiipalitajiet fit-Tramuntana tal-Kosovo. Il-parteċipazzjoni baxxa ħafna, b'mod partikolari fost il-komunità Serba tal-Kosovo, uriet li dawn l-elezzjonijiet ma joffrux soluzzjoni politika fit-tul. Għadu ta' importanza essenzjali li terġa' tiġi stabbilita sitwazzjoni fejn is-Serbi tal-Kosovo jipparteċipaw b'mod attiv fil-governanza lokali, il-pulizija u l-ġudikatura fit-Tramuntana tal-Kosovo. Jeħtieġ li jsiru elezzjonijiet lokali bikrija malajr kemm jista' jkun fl-erba' municiipalitajiet kollha, organizzati b'mod kompletament inklużiv, u bil-parteċipazzjoni mingħajr kundizzjonijiet tas-Serbi tal-Kosovo. Il-Kosovo għandu jimpenja ruħu fit-tnaqqis tat-tensjoni fit-Tramuntana tal-Kosovo billi jnaqqas il-preżenza permanenti tal-forzi tal-pulizija speċjali tal-Kosovo, jiffaċilita l-esproprijazzjoni tal-art u l-ordnijiet ta' tkeċċija mid-dar fit-Tramuntana.

Il-Kosovo baqa' involut fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo, iżda jeħtieġ li juri impenn aktar serju, jinvesti aktar sforzi u jagħmel kompromessi biex tmexxi 'l quddiem il-proċess ta' normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo. Jeħtieġ li l-Kosovo jirrispetta l-impenji tad-Djalogu tagħha u jimpenja ruħu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet kollha ta' Djalogu tal-passat u l-Ftehim dwar il-Perkors lejn in-Normalizzazzjoni u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu. Il-Kosovo mistenni li jimpenja ruħu b'mod aktar kostruttiv biex jippermetti negozjati dwar il-Ftehim ta' normalizzazzjoni komprensiv legalment vinkolanti. In-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet hija kundizzjoni essenzjali fit-triq Ewropea kemm tas-Serbja kif ukoll tal-Kosovo u t-tnejn li huma qed jirriskjaw li jitilfu opportunitajiet importanti fin-nuqqas ta' progress.

13. It-**Turkija** hija pajjiż kandidat u sieħeb ewlieni għall-UE. In-negozjati tal-adeżjoni tagħha ilhom wieqfa minn Ġunju 2018 f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew hekk kif it-Turkija kompliet titbiegħed mill-UE. Id-djalogu dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali għadu parti integrali mir-relazzjoni bejn l-UE u t-Turkija. Ir-rifjut li jiġu implimentati ċerti deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jibqa' kwistjoni ta' tħassib. Din tal-aħħar hija attur reġjonali sinifikanti fil-qasam tal-politika barranija, li tikkostitwixxi element importanti fil-kuntest tar-relazzjoni bejn l-UE u t-Turkija, anki jekk jippersistu fehmiel differenti dwar ċerti kwistjonijiet ta' politika barranija. Hija żammet rata ta' allinjament baxxa ħafna ta' 10 % mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE. It-Turkija kkundannat il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u impenjat ruħha politikament u diplomatikament, inkluż billi ffaċilitat taħditiet diretti, ħadmet fuq it-tnaqqis tat-tensjoni u l-waqfien mill-ġlied, iffaċilitat l-esportazzjoni

tal-qamħ Ukren, l-iskambju ta' priġunieri u pprovdiet assistenza militari kruċjali u b'saħħitha lill-Ukrajna. Madankollu, it-Turkija kompliet toqgħod lura milli tallinja mal-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja. Ir-retorika tagħha b'appoġġ għall-grupp terroristiku Hamas wara l-attakki tiegħu kontra l-Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023 tmur totalment kontra l-approċċ tal-UE.

Huwa mistenni li l-pajjiż jappoġġa b'mod attiv in-negozjati li jwasslu għal soluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli għall-kwistjoni ta' Ċipru fil-qafas tan-NU, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u f'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE. Huwa importanti li t-Turkija tafferma mill-ġdid l-impenn għal soluzzjoni mmexxija min-NU dwar Ċipru f'konformità mar-riżoluzzjonijiet tal-UNSC rilevanti, inklużi l-aspetti esterni tagħhom. Huwa urġenti wkoll li t-Turkija tissodisfa l-obbligu tagħha li tiżgura implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Turkija.

Il-kooperazzjoni mat-Turkija f'oqsma ta' interess konġunt kompliet f'oqsma essenzjali bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-ekonomija, l-enerġija, is-sigurtà tal-ikel, il-migrazzjoni u t-trasport. L-UE għandha interess strateġiku f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija. F'Novembru 2023 il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jippreżentaw rapport lill-Kunsill Ewropew, li fih jistabbilixxu aktar għażliet biex tiġi żviluppata din ir-relazzjoni.

14. Il-Kummissjoni tilqa' l-isforzi sinifikanti ta' riforma mwettqa mill-**Ukrajna** mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2022, minkejja l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Il-Kummissjoni tqis li l-Ukrajna għamlet progress importanti fis-seba' passi stabbiliti fl-Opinjoni tagħha ta' Ġunju 2022 u ħadet miżuri addizzjonali biex tikkomplementa u ssostni dawn il-kisbiet.

L-Ukrajna stabbilixxiet sistema ta' preselezzjoni trasparenti u bbażata fuq il-mertu għall-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali u lestiet riforma ffukata fuq l-integrazzjoni tal-korpi ta' governanza ġudizzjarja. Jenħtieġ li l-Ukrajna tkompli timplimenta l-liġijiet adottati biex tagħżel u taħtar imħallfin fil-qorti ordinarji u fil-Qorti Kostituzzjonali. L-Ukrajna saħħet il-ġlieda kontra l-korruzzjoni billi kompliet tibni rekord kredibbli ta' investigazzjonijiet u kundanni ta' korruzzjoni u żgurat ħatriet trasparenti tal-kapijiet tal-aġenziji ewlenin kontra l-korruzzjoni. Ħadet miżuri sistemiċi addizzjonali biex tiżgura s-sostenibbiltà tal-isforzi tagħha kontra l-korruzzjoni, inkluż billi treġġa' lura s-sistema elettronika tad-dikjarazzjoni tal-assi, għalkemm b'ċerti nuqqasijiet, u billi implimentat il-programm tal-istat kontra l-korruzzjoni.

L-Ukrajna saħħet il-qafas tagħha kontra l-ħasil tal-flus, inkluż l-allinjament tal-leġiżlazzjoni tagħha, b'mod partikolari d-definizzjoni ta' persuni politikament esposti, mal-istandards tal-FATF, u adottat pjan strateġiku komprensiv u pjan ta' azzjoni għar-riforma tas-settur tal-infurzar tal-liġi. L-Ukrajna żiedet ukoll miżuri sistemiċi kontra l-oligarki f'oqsma bħall-kompetizzjoni u l-finanzjament tal-partiti politiċi filwaqt li pposponiet l-applikazzjoni tal-liġi kontra l-oligarki. L-Ukrajna allinjat il-liġi tal-media tagħha mal-liġi tal-UE. Hija kompliet issaħħaħ il-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-emendar tal-liġijiet dwar il-minoranzi u dwar l-edukazzjoni, filwaqt li aktar riformi kif indikat mill-Kummissjoni ta' Venezja għad iridu jiġu implimentati. Dawn il-proċessi ta' riforma għandhom ikunu inklużivi billi jiġu involuti bis-sħiħ ir-rappreżentanti tal-minoranzi nazzjonali fil-passi kollha meħtieġa.

Filwaqt li l-introduzzjoni tal-liġi marzjali wasslet għad-deroga ta' ċerti drittijiet fundamentali, il-miżuri meħuda huma temporanji u ġeneralment proporzjonati għas-sitwazzjoni fil-pajjiż.

Fid-dawl tar-riżultati miksuba minn Ġunju 2022 skont il-kriterji politiċi, fil-qafas tas-seba' passi u lil hinn, il-Kummissjoni tqis li l-Ukrajna tissodisfa b'mod suffiċjenti l-kriterji relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett lejn il-minoranzi u l-ħarsien tagħhom, stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen fl-1993, dment li tkompli bl-isforzi ta' riforma tagħha u tindirizza r-rekwiżiti li fadal taħt is-seba' passi. Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jiftaħ in-negozjati tal-adeżjoni mal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-qafas ta' negozjar ladarba l-Ukrajna tkun:

- ippromulgat liġi proposta mill-gvern li żżid il-limitu massimu tal-persunal għall-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna;
- neħħiet mil-liġi dwar il-prevenzjoni tal-korruzzjoni d-dispożizzjonijiet li jirrestrinġu s-setgħat tal-NACP għall-verifika kontinwa tal-assi li diġà għaddew mill-proċess ta' verifika u li jillimitaw is-setgħat tal-NACP biex jivverifikaw il-proprietà akkwistata mid-dikjaranti qabel ma jingħaqdu mas-servizz pubbliku, mingħajr preġudizzju għar-regoli li japplikaw għas-sigurtà nazzjonali matul il-gwerra;
- ippromulgat liġi li tirregola l-lobbying f'konformità mal-istandards Ewropej, bħala parti mill-pjan ta' azzjoni kontra l-oligarki;
- ippromulgat liġi li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet li fadal tal-Kummissjoni ta' Venezja minn Ġunju 2023 u Ottubru 2023 marbuta mal-Liġi dwar il-minoranzi nazzjonali, li tindirizza wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja marbuta mal-liġijiet dwar il-lingwa, il-media u l-edukazzjoni tal-Istat.

L-Ukrajna għandha tkompli tiġġieled kontra l-korruzzjoni billi tibni rekord ulterjuri ta' investigazzjonijiet u kundanni ta' korruzzjoni.

Il-Kummissjoni se timmonitorja kontinwament il-progress u l-konformità fl-oqsma kollha relatati mal-ftuħ tan-negozjati u tirrapporta lill-Kunsill sa Marzu 2024. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tibda l-ħidma preparatorja, b'mod partikolari l-eżami analitiku tal-*acquis* (skrinjar) u t-tħejjija tal-qafas ta' negozjati.

15. Il-Kummissjoni tilqa' l-isforzi sinifikanti ta' riforma mwettqa mill-**Moldova** mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2022, minkejja l-impatt gravi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kummissjoni tqis li l-Moldova għamlet progress importanti fid-disa' passi stabbiliti fl-Opinjoni tagħha ta' Ġunju 2022 u ħadet miżuri addizzjonali biex tikkomplementa u ssostni dawn il-kisbiet.

Il-Moldova daħħlet fis-seħħ proċess ambizzjuż ta' skrutinju għall-korpi ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni li huwa l-pedament tar-riforma komprensiva tal-ġustizzja tagħha. Hija rriformat il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tagħha u żgurat il-funzjonament tal-Kunsill Suprem tal-Maġistrati b'membri verifikati. Il-qafas istituzzjonali u leġislattiv kontra l-korruzzjoni ġie rformat. Il-pajjiż adotta leġislazzjoni ġdida dwar l-irkupru tal-assi, il-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja u l-ħasil tal-flus. L-investigazzjoni kontra l-oligarki kienet qed tagħmel progress tajjeb, u nqatgħu kundanni tal-qorti in absentia biex jitressqu

quddiem il-ġustizzja l-oligarki involuti fil-każ ta' frodi - b'sekwestri sostanzjali ta' assi - li battal ir-żorsori pubbliċi tal-Moldova.

L-għadd ta' każijiet investigati relatati mal-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata żdied. L-għadd ta' każijiet ta' assi ssekwestrati ta' persuni politikament esposti żdied ukoll. Il-Moldova stabbilixxiet approċċ sistemiku għad-deoligarkizzazzjoni bi pjan ta' azzjoni ambizzjuż. Il-leġiżlazzjoni elettorali, kriminali, tal-media u tal-kompetizzjoni l-għdida ssaħħa il-kapaċità tal-pajjiż li jiġġielek kontra l-interessi personali żejda. Il-Moldova żiedet b'mod attiv il-koooperazzjoni internazzjonali mal-Istati Membri tal-UE u l-aġenziji tal-UE permezz taċ-Ċentru ta' Appoġġ tal-UE għas-Sigurtà Interna u l-Ġestjoni tal-Fruntieri.

Il-pajjiż adotta strateġiji għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tiegħu, saħħa il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u stabbilixxa proċessi interistituzzjonali indispensabbli għall-ġestjoni tar-riformi. Minkejja l-kundizzjonijiet ekonomiċi diffiċli, żiedet il-pagi biex iżżomm u tattira ħaddiema tas-servizz pubbliku. Il-Moldova rregolat il-qafas tal-investment pubbliku tagħha, kompliet tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi tagħha u għamlet progress fl-amalgamazzjoni volontarja tal-gvernijiet lokali.

Il-Moldova qed tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-ODIHR u tal-Kummissjoni ta' Venezia u tinvolvi lis-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet inkluż permezz ta' pjattaforma għad-djalogu u l-parteċipazzjoni ċivika fil-Parlament. Saħħet ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem inkluż billi ttrasponiet bis-sħiħ il-konvenzjoni ta' Istanbul fil-leġislazzjoni nazzjonali.

Fid-dawl tar-riżultati li nkisbu minn Ġunju 2022 skont il-kriterji politiċi, fil-qafas tad-disa' passi u lil hinn, il-Kummissjoni tqis li l-Moldova tissodisfa b'mod suffiċjenti l-kriterji relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi, stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fl-1993, dment li tkompli bl-isforzi ta' riforma tagħha u tindirizza r-rekwiżiti li fadal taħt id-disa' passi. Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jiftaħ in-negozjati tal-adeżjoni mal-Moldova. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-qafas ta' negozjati ladarba l-Moldova tkun:

- kompliet tagħmel progress sinifikanti fil-ħatra ta' membri verifikati tal-Kummissarji tal-Qorti Suprema ta' korpi ta' awtogovernanza ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni, u fin-nomina ta' Prosekutur Ġenerali ġdid fi proċess trasparenti u bbażat fuq il-mertu;
- assenjat riżorsi u strutturi adegwati lill-uffiċċju tal-Prosekutur kontra l-Korruzzjoni tal-Moldova;
- ħadet passi ulterjuri dwar id-deoligarkizzazzjoni, inkluż permezz ta' regolamenti rilevanti bħal dak dwar pagamenti fi flus kontanti u dwar il-flussi finanzjarji.

Il-Moldova għandha tkompli tiġġielek kontra l-korruzzjoni billi tibni rekord ulterjuri ta' investigazzjonijiet u kundanni ta' korruzzjoni.

Il-Kummissjoni se timmonitorja kontinwament il-progress u l-konformità fl-oqsma kollha relatati mal-ftuħ tan-negozjati u tirrapporta lill-Kunsill sa Marzu 2024. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tibda l-ħidma preparatorja, b'mod partikolari l-eżami analitiku tal-*acquis* (skrinjar) u t-tħejjija tal-qafas ta' negozjati.

16. Il-Kummissjoni tilqa' l-isforzi ta' riforma tal-Georgia f'konformità mal-kostituzzjoni tal-pajjiż li tippredvi l-integrazzjoni tiegħu fl-UE bħala prijorità għall-pajjiż. Maġġoranza kbira ta' ċittadini tal-Georgia jappoġġaw il-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż mal-UE. Id-depolarizzazzjoni politika u l-involviment aktar pożittiv tal-partit fil-gvern mal-partiti tal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili huma meħtieġa biex jinbena kunsens dwar kwistjonijiet ta' interess nazzjonali.

Jeħtieġ li l-Georgia żżid l-azzjonijiet tagħha biex tiġġieled id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni barranija u l-interferenza kontra l-valuri tal-UE u ttejjeb ir-rata ta' allinjament tagħha mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE.

Fir-rigward tat-tnax-il prijorità speċifikati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' Ġunju 2022, il-Georgia adottat atti leġislattivi u azzjonijiet ta' politika dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, dwar il-kunsiderazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deliberazzjonijiet tal-Qorti u dwar il-kriminalità organizzata. Hija ħatret Difensur Pubbliku ġdid.

Ittieħdu ċerti passi proċedurali fil-Parlament biex jiżdied l-iskrutinju mill-oppożizzjoni. Il-bini ta' kunsens politiku b'saħħtu bejn il-partiti jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-polarizzazzjoni u titħaffef it-triq Ewropea tal-Georgia. Ġew adottati emendi għall-leġislazzjoni u għar-regoli ta' proċedura parlamentari, fir-rigward tal-funzjonament u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-istat u l-qafas elettorali. Ir-riforma ġudizzjarja inkludiet passi dwar l-aċċessibbiltà għad-deċiżjonijiet tal-qorti, ir-raġunament għall-ħatriet ġudizzjarji, il-miżuri dixxiplinari għall-imħallfin u l-ġhażla ta' persuni nominati mill-Qorti Suprema iżda għadha meħtieġa riforma olistika tal-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja. Il-Georgia kkondividiet din il-leġislazzjoni u diversi atti legali ewlenin oħra dwar il-Kodiċi Elettorali, l-Uffiċċju Kontra l-Korruzzjoni, is-Servizzi ta' Investigazzjoni Speċjali, is-Servizz tal-Protezzjoni tad-Data Personali kif ukoll il-pjan ta' azzjoni tagħha għad-deoligarkizzazzjoni mal-Kummissjoni ta' Venezja għal opinjoni. Barra minn hekk, huwa importanti li tiġi stabbilita sistema ta' kontrolli straordinarji tal-integrità, bl-involviment ta' esperti internazzjonali, għall-pożizzjonijiet ewlenin kollha fil-ġudikatura, u li tiġi stabbilita sistema ta' dikjarazzjonijiet tal-assi effettivi.

Ġie adottat pjan ta' azzjoni għad-deoligarkizzazzjoni, li jsegwi approċċ sistemiku, filwaqt li tneħħa l-approċċ 'personalizzat'. Twaqqaf Uffiċċju Kontra l-Korruzzjoni. Il-Georgia żiedet il-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Dwar il-pluraliżmu tal-media, direttur tal-media tal-oppożizzjoni nħeles mill-ħabs wara maħfra Presidenzjali, u l-Parlament adotta emendi għal-Liġi tax-Xandir biex jallinja mal-leġislazzjoni tal-UE. Ġiet adottata strateġija dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u ġie elaborat pjan ta' azzjoni. Ġie konkluż memorandum ta' kooperazzjoni bejn il-Parlament u xi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili biex jinkwadra l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika.

Fid-dawl tar-riżultati miksuba minn Ġunju 2022, fil-qafas tat-tnax-il prijorità u lil hinn, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jagħti lill-Georgia l-*istatus* ta' pajjiż kandidat bil-fehim li jittieħdu l-passi li ġejjin:

- Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni barranija u l-interferenza kontra l-UE u l-valuri tagħha.
- It-titjib tal-allinjament tal-Georgia mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE.

- L-issoktar tal-indirizzar tal-kwistjoni tal-polarizzazzjoni politika, inkluż permezz ta' ħidma leġiżlattiva aktar inklużiva mal-partiti tal-oppożizzjoni fil-Parlament, b'mod partikolari dwar il-leġiżlazzjoni relatata mal-integrazzjoni Ewropea tal-Georgia.
- L-iżgurar ta' proċess elettorali ħieles, ġust u kompetittiv, b'mod partikolari fl-2024, u jiġi indirizzati bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR. Il-finalizzazzjoni tar-riformi elettorali, inkluż l-iżgurar ta' rappreżentanza adegwata tal-elettorat, ferm qabel il-jum tal-elezzjoni.
- L-issoktar tat-titjib tal-implimentazzjoni tas-sorveljanza parlamentari b'mod partikolari tas-servizzi tas-sigurtà. L-iżgurar tal-indipendenza u l-imparzjalità istituzzjonali tal-istituzzjonijiet ewlenin, b'mod partikolari l-Amministrazzjoni Elettorali, il-Bank Nazzjonali, u l-Kummissjoni tal-Komunikazzjoni.
- Il-finalizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' riforma ġudizzjarja olistika u effettiva, inkluża riforma komprensiva tal-Kunsill Ġholi tal-Ġustizzja u l-Uffiċċju tal-Prosekutur, filwaqt li timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u ssegwi proċess trasparenti u inklużiv.
- L-issoktar tal-indirizzar tal-effettività u tiżgura l-indipendenza u l-imparzjalità istituzzjonali tal-Uffiċċju Kontra l-Korruzzjoni, is-Servizz Investigattiv Speċjali u s-Servizz tal-Protezzjoni tad-Data Personali. L-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja relatati ma' dawn il-korpi, fi proċess inklużiv. Il-ksiba ta' rekord b'saħħtu fl-investigazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni u kriminalità organizzata.
- It-titjib tal-pjan ta' azzjoni attwali biex jiġi implimentat approċċ multisettorjali u sistemiku għad-deoligarkizzazzjoni, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u wara proċess trasparenti u inklużiv li jinvolvi l-partiti tal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili.
- It-titjib tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem inkluż bl-implimentazzjoni ta' strateġija ambizzjuża dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-iżgurar tal-libertà ta' għaqda u ta' espressjoni. It-tnedija ta' investigazzjonijiet imparzjali, effettivi u f'waqthom f'każijiet ta' theddid kontra s-sikurezza ta' gruppi vulnerabbli, professjonisti tal-media u attivisti tas-soċjetà ċivili, u tressaq lill-organizzaturi u lill-awturi tal-vjolenza quddiem il-ġustizzja. Il-konsultazzjoni u l-involviment tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jippermettu l-involviment sinifikanti tagħhom fil-proċessi leġiżlattivi u tat-tfassil tal-politika u jiżguraw li dawn ikunu jistgħu joperaw liberament.

VIII. ANNESSI

1. **L-aspetti fondamentali tal-proċess tal-adeżjoni**
2. **Il-kisbiet ewlenin tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent**
3. **Il-kisbiet ewlenin tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment - ħarsa ġenerali għall-Ukraina, il-Moldova u l-Georgia.**
4. **Indikaturi ta' partijiet terzi relatati mal-*istatus* tad-demokrazija, mal-governanza tajba u mal-istat tad-dritt fil-pajjiżi kandidati u fil-kandidati potenzjali.**

5. *Data* statistika.